Vol 36
Nru 187
Jannar - Marzu 2015

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2015

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*San Franġisk*

# Werrej


6


16


21

# Editorjal

ta’ Patri Twanny Chircop ofm



## Il-Franġiskani u l-Pellegrini fl-Art Imqaddsa

L-Art Imqaddsa minn dejjem kienet il-post l-aktar importanti ta’ pellegrinaġġ għall-Insara. Sa mill-ewwel sekli tal-era Kristjana għandna xhieda ta’ pellegrini li għamlu vjaġġi mwiegħra fuq l-art jew fuq il-baħar biex, mill-Ewropa, jiġu jżuru l-Postijiet tal-Fidwa fl-Art Imqaddsa. L-ewlenija fosthom kienet il-pellegrina Egeria, li ġiet fl-Art Imqaddsa fis-snin 381-384, u li ħalliet djarju famuż tal-itinerarju tagħha bid-deskrizzjoni tal-liturġija fil-Qabar ta’ Kristu u f’diversi santwarji oħra. Imma kien hemm bosta oħrajn. Insemmu biss ftit.

San Ġlormu ġie minn Ruma u għex f’Betleħem fis-snin 380-420 u hemm ittraduċa l-Bibbja bil-Latin (il-Vulgata). L-Anonimo di Piacenza ġie l-Art Imqaddsa u kiteb djarju fis-snin 560-570. L-isqof Arculfo ġie minn Franza u żar l-Art Imqaddsa fis-sena 670.

Fl-era Kruċjata nsibu l-pellegrin Seawulf li żar l-Art Imqaddsa fl-1102-1103 u l-Abbati Danjel, li ġie mill-Ukrajna fl-1106-1107. Fil-medjuevu, wara li l-Franġiskani stabilixxew ruħhom b’mod permanenti fl-Art Imqaddsa (1335) u mat-twelid tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, nsibu lill-Franġiskan Niccolò di Poggibonsi, li ġie mill-Italja fl-1346-1350, lil Padre Francesco Suriano, għal darbtejn Kustodju tal-Art Imqaddsa, li fl-1485 kiteb trattat dwar l-Art Imqaddsa, lill-Bonifaċju ta’ Ragusa (Dubrovnik), ukoll Kustodju, li fl-1555 ħallielna x-xhieda ta’ x’sab fil-Qabar ta’ Kristu meta bena mill-ġdid l-Edikola.

26




6 Il-Komunitajiet Insara fl-Art Imqaddsa: Introduzzjoni

16 Ħarsa lejn is-Simboli Bibbliċi: Id-Deżert, il-Muntanja, it-Tinda, is-Sħaba u l-Purtiera tat-Tempju

21 Is-Siwi tal-Offerta li għamel Kristu minn fuq is-Salib (Lhud 10, 1-18)

26 Il-Familja: Drawwiet u Ġrajjietha fil-Ġdid Testment (1)

33 1 Ġw 4,7-12 – Alla huwa Mħabba (2)

41 Monasteri fid-Deżert tal-Lhudija: Il-Monasteru ta’ San Karitone




33

*...editorjal*

*Il-Franġiskani u l-Pellegrini fl-Art Imqaddsa*



Pellegrini famużi fi żminijiet aktar moderni jinkludu lil Patri Bernardino Amico da Gallipoli (1620), Patri Elzear Horn, awtur tat-trattat *Ichonographiae Monumentorum Terrae Sanctae* (1724-1744), u lil François-René de Chataubriand, li rrakkonta l-itinerarju tiegħu minn Pariġi għal Ġerusalemm fl-1811.

Barra minn dawn ix-xhieda kkwalifikati li ħallewlna teżori ta' letteratura dwar l-Art Imqaddsa, insemmu wkoll ix-xhieda ta' eluf ta' pellegrini sempliċi u foqra li ġew bi ħġarhom fi żminijiet diffiċli ħalli jżuru l-Art Imqaddsa. Bosta drabi kienu jirriskjaw ħajjithom. Bosta ġew maqtula mill-ħallelin fit-toroq imwiegħra tal-Balkani u t-Turkija, sakemm waslu fil-Palestina. Oħrajn spiċċaw fil-qiegħ tal-baħar Mediterran meta għerqu waqt tempesti jew ġew maqbuda lsiera mill-furbani Musulmani.

Il-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa minn dejjem ħadmu biex jilqgħu lil dawn il-pellegrini li kienu jaqsmu l-baħar biex jitolbu fuq il-Qabar ta' Kristu. Għall-missjunarji li kienu ġejjin u sejrin fl-Art Imqaddsa nfetħu Kummissarji tal-Art Imqaddsa fil-portijiet ewlenin tal-Ewropa, fosthom Ġenova, Napli, Palermo u Venezja. Il-Kummissarjat ta' Malta, imwaqqaf fl-ospizju tal-kunvent Ta' Ġieżu tal-Belt Valletta fl-1630, hu fost l-eqdem fl-Ordni Franġiskan. Minnu għaddew mijiet ta' missjunarji Franġiskani fi triqthom lejn l-Art Imqaddsa.

Fl-Art Imqaddsa l-Franġiskani kienu jilqgħu lill-pellegrini fl-ospizji li bnew apposta għalihom. Diġà fis-seklu 14 il-Franġiskani fuq l-Għolja ta' Sijon (fiċ-Ċenaklu), kienu jilqgħu l-pellegrini fil-kunvent, u nafu li kien hemm grupp ta' nisa Terzjarji penitenti li kienu jgħixu f'ospizju li fih kienu jaqdu lill-pellegrini. Għandna xhieda ta' nisa nobbli Terzjarji Franġiskani li kienu jaqdu lill-pellegrini fl-isptar kbir li fi żmien il-Kruċjati kienu jamministraw il-Kavallieri ta' San Ġwann quddiem il-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Maż-żmien il-Franġiskani ħadu ħsieb biex jibnu ospizji għall-pellegrini. Dawn bdew jissejħu *Casa Nova*, u hekk għadhom magħrufin sal-lum. L-eqdem Casa Nova hi dik ta' Ġerusalemm, li twaqqfet fl-1551 fil-kunvent ta' San Salvatur f'Ġerusalemm, sakemm fl-1866 ġiet inawgurata l-Casa Nova li hemm illum maġenb il-kunvent. Fil-port ta' Ġaffa l-Franġiskani

kellhom Casa Nova biex fiha l-pellegrini jsibu kenn appena jisbarkaw l-art wara vjaġġ twil bil-baħar. Casa Nova oħra kienet teżisti fil-kunvent ta' Ramleh, nofs triq bejn Ġaffa u Ġerusalemm. Il-Franġiskani waqqfu wkoll Casa Nova f'Betleħem, qrib il-Bażilika tan-Nativitâ, u oħra f'Nazaret, qrib il-Bażilika tal-Annunċjazzjoni. Casa Nova oħra hi dik tal-Għolja tat-Tabor kif ukoll oħra f'Tiberija fuq l-Għadira tal-Galilija.

Il-vantaġġ tal-Casa Nova hi li dawn l-ospizji jinsabu kollha qrib tas-Santwarji tal-Fidwa, hekk li l-pellegrini jistgħu komodament imorru jitolbu fis-Santwarji bil-mixi. L-akkoljenza tal-Franġiskani matul is-sekli kienet waħda eċċezzjonali. Fi żminijiet li fihom ma kienx hemm lukandi, kienu l-Franġiskani li offrew il-kunventi tagħhom biex fihom ukoll jibnu ospizji għall-pellegrini. Illum il-ġurnata, fl-Art Imqaddsa wieħed jista' jsib kull tip ta' lukandi, minn dawk lussużi *five-star* sa pensjonijiet għall-istudenti. Imma l-Case Nove xorta għad għandhom skop.

Il-Casa Nova mhijiex lukanda, imma ospizju għall-pellegrini. Min joqgħod fil-Casa Nova jiġi mhux bħala turista imma bħala pellegrin. Fi spirtu Franġiskan il-Casa Nova toffri ospitalità fuq stil sempliċi u mingħajr lussu żejjed, imma biss bl-iskop li l-pellegrini jsibu ambjent li jilqagħhom u komdu biex fih jistrieħu fid-diversi vjaġġi li jagħmlu fl-Art Imqaddsa.

F'dawn l-aħħar snin il-Kustodja tal-Art Imqaddsa investiet biex ittejjeb is-servizz tal-Case Nove. Inbniet mill-ġdid il-Casa Nova f'Betleħem u żdiedet magħha l-Casa Nova Palace fil-Pjazza tal-Maxtura. Ġiet rinovata l-Casa Nova ta' Ġerusalemm, dik tat-Tabor u dik ta' Tiberija. Fis-7 ta' Frar ta' din is-sena ġiet inawgurata mill-ġdid il-Casa Nova ta' Nazaret, li ġiet kompletament ristrutturata.

Mhux biss, imma l-Kustodja qed taħseb ukoll f'dawk il-pellegrini, l-aktar żgħażagħ jew studenti, li ma jistgħux jaffordjaw li jħallsu prezz komplut ta' alloġġ kif jagħmlu l-pellegrini l-oħrajn fil-Casa Nova. Għalihom offriet ċentru ġdid, imsejjaħ Marija Bambina, li hu binja li fiha kien hemm qabel l-orfanatrofju femminili ta' Ġerusalemm, ftit passi bogħod mill-kunvent ta' San Salvatur u mill-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Iċ-ċentru jilqa' fih gruppi ta' żgħażagħ li huma kapaċi jorganizzaw ruħhom b'mod aktar "spartan" billi jorqdu f'dormitorji u jsajru għalihom infushom. B'dan il-mod il-Franġiskani tal-Art Imqaddsa joffru l-possibilità għal min ma għandux riżorsi kbar biex ikun jista' jżur is-Santwarji bi ftit flus.

L-ispirtu tal-pellegrinaġġ hu l-aktar valur importanti li l-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa jridu jħarsu. L-apostolat tal-akkoljenza tal-pellegrini fis-Santwarji hu parti mill-missjoni tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa. Meta l-pellegrin jiġi l-Art Imqaddsa, speċjalment taħt id-direzzjoni tal-Kummissarju tal-Art Imqaddsa f'pajjiżu, għandu jiftakar f'din l-istorja nobbli ta' akkoljenza u jifhem il-veru sens tal-vjaġġ tiegħu fl-Art Imqaddsa, vjaġġ magħmul bid-dinjità u l-kumdità taż-żminijiet tal-lum, imma wkoll fi spirtu ta' sempliċità tipika tal-Franġiskani li jħarsu l-Art ta' Ġesù.



# IL-KOMUNITAJIET INSARA FL-ART IMQADDSA: INTRODUZZJONI[1]

*Noel Muscat ofm*

## Statistiċi tal-Insara fl-Art Imqaddsa

Fl-Art Imqaddsa hu diffiċli li wieħed ikollu stima eżatta tal-popolazzjoni Kristjana, minħabba d-diversità ta' tqassim ġeopolitiku ta' din l-art, maqsuma bejn Israel u l-Palestina, li fiha jgħixu Għarab Palestinjani f'Israel u Lhud fit-territorji tal-Palestina.

F'Israel attwalment hemm popolazzjoni ta' 8,252,000 persuni (statistiċi uffiċjali 2014). Minn dawn, 6,186,000 huma Lhud (75%), 1,709,900 huma Għarab (20.7%), u 356,500 jappartjenu għal gruppi oħrajn (Kristjani Russi, Baha'i, eċċ.). B'kollox l-Insara f'Israel jammontaw għal madwar 2.1% tal-popolazzjoni. Il-maġġoranza assoluta tal-Insara f'Israel, 80%, huma Għarab Palestinjani (127,000) bi gruppi oħrajn ta' Kristjani, l-aktar Russi Ortodossi (25,000).

Fil-Palestina hu stmat li jgħixu madwar 236,000 Kristjan (Xatt tal-Punent u Strixxa ta' Gaża) fuq popolazzjoni totali ta' 2,731,052 persuna. Dawn jinkludu Palestinjani li jgħixu f'Ġerusalemm tal-Lvant. Fil-Palestina 83% tal-popolazzjoni hi ta' Għarab Palestinjani, imma jgħixu fosthom ukoll 17% li huma Lhud li okkupaw l-insedjamenti (*settlements*) fil-Lhudija u s-Samarija. Fil-każ tal-Palestina, l-Insara jammontaw għal madwar 8% mill-popolazzjoni.

Wieħed jista' jikkalkula li, fl-Art Imqaddsa, jgħixu madwar 400,000 Kristjan ta' diversi denominazzjonijiet u Knejjes. Fil-fatt, id-dehra tal-Insara hi dik ta' mużajk divers ta' komunitajiet u Knejjes li hu kkumplikat. Forsi fl-ebda post ieħor fid-dinja ma hemm diversità ta' Knejjes Insara li jgħixu flimkien bħal fil-każ tal-Art Imqaddsa, u l-aktar fil-każ tal-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm.

L-akbar komunità Kristjana hi dik tal-Griegi Kattoliċi (Melkiti) li jaslu għal 40% tal-popolazzjoni Nisranija. Warajhom jiġu l-Griegi Ortodossi, li huma 32%, u mbagħad il-Kattoliċi (Latini), li huma 20% u l-Maroniti li huma 7%. Il-gruppi Insara l-oħrajn jammontaw għal biss 1% mill-popolazzjoni Nisranija totali. Skont l-Israel Central Bureau of Statistics, il-popolazzjoni hi maqsuma skont ir-reliġjonijiet b'dan il-mod: 75.4% Lhud, 16.9% Musulmani, 2.1% Kristjani, 1.7% Drużi, u 4% li ma humiex klassifikati skont ir-reliġjon għax ma jappartjenu





*Monaku Grieg Ortodoss*

għal ebda waħda jew ma jistqarrux l-ebda reliġjon.

Il-Knejjes Insara fl-Art Imqaddsa jammontaw għal madwar 21, u nistgħu naqsmuhom f'ħames gruppi. L-ewwel grupp hu dak tal-Knejjes Ortodossi, jiġifieri: (1) Knisja Griega Ortodossa (Patrijarkat Grieg Ortodoss), (2) Knisja Russa Ortodossa, (3) Knisja Rumena Ortodossa, (4) Knisja Ukrajna Ortodossa. It-tieni grupp hu dak tal-Knejjes Antiki Orjentali, jiġifieri: (5) Knisja Armena Ortodossa (Patrijarkat Apostoliku Armen Ortodoss), (6) Knisja Siro-Ortodossa, (7) Knisja Kopta Ortodossa, (8) Knisja Etjopika (Abbissina). It-tielet grupp hu dak tal-Knejjes Kattoliċi, li jinkludu: (9) Knisja Kattolika

Latina (Patrijarkat Latin, Kustodja Franġiskana tal-Art Imqaddsa, u Komunità Kattolika ta' espressjoni Ebrajka), (10) Knisja Griega Kattolika (Melkita), (11) Knisja Maronita, (12) Knisja Armena Kattolika, (13) Knisja Siro-Kattolika, (14) Knisja Kaldea, (15) Knisja Kopta Kattolika. Ir-raba' grupp hu dak tal-Knejjes Riformati, li jiġbor fih prinċipalment: (16) Knisja Anglikana, (17) Knisja Evanġelika Luterana, (18) Knisja Battista, (19) Knisja Presbiterjana. Il-ħames grupp hu magħmul minn gruppi ta' (20) Lhud Messjaniċi u (21) Lhud Żionisti.

Fost dawn il-Knejjes diversi, l-aktar importanti għan-numru u preżenza, kif ukoll għat-tradizzjoni antika tagħhom huma l-Knisja Griega Ortodossa (madwar 150,000), il-Knisja Griega Kattolika jew Melkita (madwar 64,400), il-Knisja Kattolika (Rumana jew Latina) (madwar 32,200), u l-Knisja Maronita (11,270).

## L-oriġini storika tal-Knejjes Insara fl-Art Imqaddsa

L-ewwel preżenza Kristjana fl-Art Imqaddsa kienet dik li rat il-bidu tagħha fiċ-Ċenaklu nhar Pentekoste, skont kif juruna l-Atti tal-Appostli meta jitkellmu mill-ewwel komunità Nisranija ta' Ġerusalemm, u l-ewwel komunitajiet fil-Lhudija, Samarija u Galilija (Atti 8,1.4; 9,31). L-istess Atti jgħidulna li, dawk kollha li kienu jemmnu fi Kristu, kienu "qalb waħda u ruħ waħda" (Atti 4,32) u li kienu jgħixu f'komunjoni mat-tagħlim tal-Appostli, fil-karità reċiproka u l-qsim tal-ħobż u t-talb (Atti 2,42).

Matul l-ewwel erba' sekli tal-eżistenza tagħha fil-Palestina l-Knisja kienet magħmula minn komunitajiet ta' Lhud-Insara, jiġifieri ta' Lhud li kkonvertew għall-Kristjaneżmu, u li baqgħu jżommu rabtiet mat-tradizzjonijiet Lhud. L-Insara kellhom isofru persekuzzjoni sa mill-bidu nett. L-Atti jirrakkontaw il-martirju ta' Stiefnu (Atti 7). Fis-sena 62 w.K.


*Il-Franġiskani jistennew il-purċissjoni fil-Qabar ta' Kristu*

sofra l-martirju Ġakbu, "ħu l-Mulej", meqjus bħala l-ewwel Isqof ta' Ġerusalemm, li l-istoriku Josephus Flavius jirrakkonta li l-Lhud waddbuh mill-quċċata tat-Tempju għal isfel. Wara l-ewwel rewwixta tal-Lhud kontra r-Rumani u l-qerda tat-Tempju (66–70 w.K.) il-komunità Lhudija-Kristjana kellha taħrab u sabet kenn fil-belt ta' Pella fil-Perea (fil-Ġordanja). Wara li rritornaw lura lejn Ġerusalemm huma kienu joqogħdu fuq is-Sijon Kristjan (Ċenaklu) u wara l-martirju ta' Ġakbu ġie maħtur Isqof ta' Ġerusalemm Xmun, l-iben ta' Kleofa, li jissemma fir-rakkont evanġeliku tad-dehra ta' Ġesù rxoxtat liż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws (Lq 24,13-35).

Meta s-Sinedriju tal-Lhud spiċċa f'Yavneh (Jamnia) wara l-qerda ta' Ġerusalemm (79–81 w.K.), seħħet il-firda bejn il-Lhud u l-Kristjani li kienu ta' oriġini Lhudija, kif għidna. Il-persekuzzjoni tal-Insara ħraxet fi żmien l-Imperatur Domizjanu (81–96 w.K.). L-istoriku Eġesippu jirrakkonta kif kienu xlew quddiem l-imperatur lid-dixxendenti tal-familja ta' Ġesù. Il-Lhud bdew isejħu lil-Lhud-Insara *Minim*, jew eretiċi.

Fis-sena 135 l-Imperatur Adrijanu keċċa lil-Lhud minn Ġerusalemm, wara t-tieni rewwixta tal-Lhud, u qered il-belt u bniha mill-ġdid fuq stil Ruman bl-isem ta' Ælia Capitolina. Il-Lhud-Insara kienu meqjusa mir-Rumani bħala setta Lhudija u għalhekk Adrijanu ħabrek biex il-postijiet qaddisa tagħhom jintesew. Il-Qabar ta' Kristu sar il-*forum* tal-belt bit-tempji ta' Ġove u Venere (fuq il-Kalvarju), u l-Grotta ta' Betleħem saret bosk iddedikat lil alla Adonis-Tammuz.

Kienu bosta l-Insara tal-Palestina li sofrew martirju biex taw xhieda tal-fidi tagħhom. Fosthom insemmu lil San Ġustinu, martri, li twieled fi Flavia Neapolis (Nablus fis-Samarija) qrib is-sena 100 u sofra l-martirju fis-sena 165, wara li kiteb diversi opri ta' difiża tal-fidi Kristjana biex jispjega lill-pagani li l-Kristjaneżimu ma kienx ta' periklu għall-politika tal-Imperu Ruman.

Waqt il-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu (303–312) kienu diversi l-Insara li sofrew il-martirju fil-Palestina, u li jitkellem dwarhom Ewsebju ta' Ċesarija. Fost dawn l-Insara l-aktar famuż kien San Ġorġ, martri fi Djospoli, jew Lidda. Kien biss fis-sena 313 li l-Imperatur Kostantinu l-Kbir ta l-libertà lir-reliġjon Kristjana, li saret ir-reliġjon tal-Imperu wara li mexxa l-kapitali minn Ruma lejn Kostantinopli[2].

Matul l-ewwel 4 sekli ta' Kristjaneżmu l-komunità Lhudija-Kristjana kienet dik li pprovdiet il-garanzija tar-rabta mat-tifkiriet tal-fidwa, permezz ta' xhieda ħajja ta' preżenza li għad fadlilna sinjali tagħha sal-lum (fdalijiet arkeoloġiċi ta' Nazaret u Kafarnahum), u permezz ta' kitbiet li kienu jiċċirkolaw fi ħdan il-komunitajiet (Apokrifi). Dan il-fattur hu fundamentali biex nifhmu kif il-Kristjaneżmu baqa' preżenti fil-Palestina matul dawn is-sekli ta' persekuzzjoni u qerda.

L-editt ta' Milan tat-313, li bih Kostantinu ta l-libertà lill-Kristjaneżmu, kien ifisser li r-reliġjon Kristjana ħarġet fil-beraħ u saret uffiċjali. Mhux biss, imma meta l-Imperatur mexxa l-kapitali f'Kostantinopli, jew *Bisantium* (Biżanzju), il-Palestina ġiet direttament taħt il-kontroll politiku tal-Imperu u l-komunità Lhudija-Kristjana spiċċat, biex daħlet f'postha l-komunità Ġentili-Kristjana, Insara li kienu ġejjin mill-paganeżmu.

## Il-Knisja ta' Ġerusalemm: Omm il-Knejjes kollha

Fil-25 ta' Awwissu 325 l-Imperatur Kostantinu ippresieda l-konklużjoni tal-Konċilju ta' Nicea, li fih kienu ħadu sehem l-isqof ta' Ælia Capitolina (Ġerusalemm), Makarju, u Ewsebju, Isqof ta' Ċesarija, id-djoċesi metropolitana tal-provinċja ta' Sirja-Palestina, li minnha kienet tiddependi Ġerusalemm.

Kien matul dan il-Konċilju li Makarju qajjem il-kwistjoni tas-sede ta' Ġerusalemm biex tingħata dinjità li kien jixirqilha Knisja Omm u ma tibqax tiddependi mis-sede ta' Ċesarija. Din il-kwistjoni damet tkarkar għal aktar minn seklu. Kien biss fis-sena 451, waqt il-Konċilju ta' Kalċedonja, li s-sede ta' Ġerusalemm ġiet mogħtija l-ġieħ ta' Patrijarkat, flimkien mas-sedi ta' Ruma, Antjokja, Lixandra u Kostantinopli. L-ewwel Patrijarka ta' Ġerusalemm kien l-isqof Juvenalius (Giovenale) li beda s-sensiela ta' Patrijarki Biżantini tal-Belt il-Qaddisa. Kien Isqof ta' Ġerusalemm fis-snin 421-451 u mbagħad Patrijarka ta' Ġerusalemm sa ma miet fis-sena 458.

Kien ukoll waqt il-Konċilju ta' Nicea li Makarju tkellem dwar il-qagħda tal-biki tat-tifkiriet tal-Fidwa Insara f'Ġerusalemm, li kienu saru tempji pagani minn żmien Adrijanu fis-sena 135. L-Imperatur inkariga lill-arkitetti imperjali biex itellgħu tliet bażiliċi kbar fuq it-tliet "grotti mistiċi"; il-Qabar ta' Kristu, l-Eleona fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, u l-Grotta tan-Natività f'Betleħem. Id-dedikazzjoni tal-Bażilika Kostantinjana tal-Qabar ta' Kristu seħħet fl-14 ta' Settembru 335 fil-preżenza tal-Awgusta Elena, omm l-Imperatur Kostantinu, li ġiet fl-Art Imqaddsa biex tqim il-Postijiet Qaddisa Kristjani. Kien f'din l-okkażjoni li Santa Elena talbet li jsir tiftix għar-relikwi veri tas-salib, li skont l-istoriċi Ewsebju ta' Ċesarija u Rufino ta' Aquilea, instabu f'ċisterna taħt il-Golgota, illum il-Kripta tas-Sejba tas-Salib.



*Isqof Koptu Ortodoss*


*Armeni Ortodossi*

Il-Palestina malajr saret ċentru ta' preżenza Kristjana fjorenti. Nistgħu ngħidu li, bejn is-seklu 4 u s-seklu 7 il-Palestina kienet kollha kemm hi Kristjana, taħt l-influss tal-Imperu ta' Biżanzju. Hu għalhekk li nitkellmu mill-Knisja Omm ta' Ġerusalemm bħala ċ-ċentru tal-Kristjanità fl-epoka Biżantina (313–638). Diversi monaċi, eremiti u nisa nobbli waslu mill-punent u mil-lvant u bdew jgħixu fil-Belt il-Qaddisa u fid-deżert tal-Lhudija. Fosthom insemmu lil San Ġilormu, li għex f'Betleħem mis-sena 380 sal-mewt fis-sena 420, u li hemmhekk ittraduċa l-Iskrittura Mqaddsa bil-Latin (il-Vulgata). Miegħu ġew jgħixu diversi monaċi u nisa kkonsagrati f'ħajja monastika li tkattret f'Betleħem. Fl-istess sekli l-ħajja anakoretika (tal-eremiti) u ċenobitika (tal-komunitajiet ta' rħieb jew monaċi) iffjoriet fid-deżert tal-Lhudija b'persunaġġi famużi bħalma kienu Sant'Ewtimju, San Saba u San Ġwann Damaxxenu, li għexu fil-*laure* jew monasteri tad-deżert, li l-aktar wieħed famuż fosthom hu dak ta' San Saba fil-Wied tal-Kedron.

Kien matul dawn is-sekli li nassistu għat-twelid tal-pellegrinaġġi lejn l-Art Imqaddsa, li wħud minnhom baqgħu dokumentati. L-aktar itinerarju famuż hu x'aktarx dak tal-pellegrina Egeria, li żaret l-Art Imqaddsa lejn is-sena 384 u ħallitilna deskrizzjoni dettaljata tat-tifkiriet bibliċi u l-aktar taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li l-komunità Nisranija ta' Ġerusalemm kienet tagħmel fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu. Għandna xhieda tal-katekeżi mistagoġiċi li kien jagħmel l-Isqof San Ċirillu ta' Ġerusalemm quddiem il-Qabar ta' Kristu lil dawk li kienu se jersqu għas-sagramenti tal-inizjazzjoni Kristjana.

## Il-firdiet fil-Knejjes

Matul is-seklu 5 qamet kwistjoni dottrinali fil-Knisja dwar l-identità ta' Kristu fin-natura tiegħu divina u umana. Għalkemm il-Kristjani kollha kienu jammettu li Ġesù hu veru Alla u veru bniedem, kien hemm kurrenti teoloġiċi diversi: Kristu kellu persuna waħda jew żewġ persuni? Kellu natura waħda jew żewġ naturi? Dawn l-opinjonijiet nisslu taħwid u ereżiji, l-aktar dawk ta' Nestorju u ta' Ewtike, li ġew ikkundannati rispettivament mill-Konċilji ta' Nicea (325) u Kalċedonja (451). Il-Konċilju ta' Kalċedonja solva l-problema bl-istqarrija dommatika: "Ġesù hu veru Alla u veru bniedem, persuna waħda f'żewġ naturi."

Hawnhekk, iżda, mhux il-Kristjani kollha aċċettaw din id-duttrina. Il-Knisja Biżantina u dik tal-punent bis-sede ta' Ruma aċċettaw

il-pożizzjoni ta' Kalċedonja, imma diversi Knejjes oħrajn infirdu minnhom. Dawn kienu jinkludu l-Knisja Nestorjana (jew Persjana, jew Siro-Orjentali), illum magħrufa bħala "Knisja Assira tal-Orjent", li diġà nfirdet mill-Knisja uffiċjali wara l-Konċilju ta' Efesu li kien ikkundanna lil Nestorju. Wara l-Konċilju ta' Kalċedonja nfirdu l-Knejjes hekk imsejħa "Monofisiti" (għax jemmnu li Kristu kellu natura waħda divina-umana): "Ġesù Kristu, li hu identiku mal-Iben, hu persuna waħda u *hypostasis* f'natura waħda: dik divina." Dawn il-Knejjes Monofisiti jinkludu l-Knisja Ġakobita (jew Knisja Siro-Oċċidentali), il-Knisja Armena, il-Knisja Kopta, il-Knisja Etjopika (Abbissina), u l-Knisja Indjana Siro-Malankariża.

Il-Patrijarkat ta' Ġerusalemm baqa' fidil mal-ortodossija tal-Knisja uffiċjali u mad-duttrina tal-Konċilju ta' Kalċedonja. Din il-Knisja bdiet kultant tissejjaħ "Melkita" mill-avversarji tad-duttrina, kelma li tfisser "re", mela l-Knisja li kienet taħt l-influwenza tal-Imperatur Biżantin. F'Ġerusalemm, iżda, malajr daħlu diversi mill-Knejjes Monofisiti minħabba l-monasteri ta' Ġorġjani, Armeni, Sirijaċi, Kopti, Nestorjani, li ntrabtu mal-Knejjes ta' pajjiżhom bit-tradizzjonijiet liturġiċi, spiritwali u teoloġiċi tagħhom. F'kelma oħra, mis-sena 451 nassistu għall-ewwel firda fost il-Knejjes f'Ġerusalemm, jiġifieri dik bejn il-Knisja Biżantina, il-Knisja uffiċjali tal-Imperu, u l-Knejjes Monofisiti, jew Knejjes Antiki Orjentali.

Fis-sena 638 nassistu għall-invażjoni Islamika tal-Palestina. Meta l-Kaliff Omar Ibn al-Khattab (579–644) daħal Ġerusalemm dan sab lill-Patrijarka Biżantin San Sofronju lest li jċedi l-Belt il-Qaddisa biex jevita t-tixrid tad-demm. Omar kien sieħeb Muħammad u sar Kaliff wara Abu Bakr (632-634). Kien hu li xerred il-qawwa tal-Islam b'konkwisti ġodda fosthom il-Palestina. Il-Kaliffat tal-Umayyadi li twieled b'din l-invażjoni kien tolleranti għall-Insara, imma r-reliġjon Islamika saret dominanti fil-Palestina, l-aktar wara l-bini tal-Moskea ta' Al-Aqsa u l-Koppla tal-Blata fuq l-ispjanata abbandunata tat-Tempju, li saru t-tielet post l-aktar qaddis għall-Islam wara l-Mekka u l-Medina.

It-tieni firda li kellha taqsam il-Kristjanità f'dik tal-Lvant u dik tal-Punent seħħet fis-sena 1054, l-hekk imsejħa Xiżma Kbira, li fiha l-Knisja ta' Kostantinopli (Biżantina) immexxija mill-Patrijarka Michael Cerularius infirdet mill-Knisja ta' Ruma (Latina) immexxija mill-Papa Ljun IX. Iż-żewġ Knejjes skomunikaw lil xulxin, u b'hekk il-Kristjanità inqasmet fil-Knisja Kattolika (Latina jew Rumana) fil-punent, u fil-Knisja Ortodossa (Biżantina jew Griega) fil-lvant. Il-Palestina baqgħet taħt l-influwenza tal-Knisja Biżantina. L-iskomunika bejn iż-żewġ Knejjes tneħħiet reċiprokament fl-1965, wara li fl-1964 l-Papa Pawlu VI iltaqa' mal-Patrijarka Grieg Ortodoss Athenagoras f'Ġerusalemm.

## Il-perjodu tal-Kruċjati u l-Knisja Kattolika Latina

Fil-15 ta' Lulju 1099 l-ewwel Kruċjata daħlet fil-Belt ta' Ġerusalemm taħt it-tmexxija ta' Geoffrey ta' Bouillon. L-epoka tal-Kruċjati ma kinitx twila, għax fit-2 ta' Ottubru 1187 Ġerusalemm reġgħet waqgħet f'idejn l-armati Islamiċi mmexxija minn Saladin. Għal xi żmien, bejn Frar 1229 u Mejju 1244, bit-tħabrik tal-Imperatur Federiku II mas-Sultan Malik al-Kamil, Ġerusalemm mill-ġdid ingħatat lill-Kruċjati, imma mal-invażjoni tat-Torok Kwariżmjani, li għamlu straġi mill-popolazzjoni Kristjana, il-Kruċjati tilfu għal kollox Ġerusalemm, u baqgħu biss f'Akri sal-1291, meta l-Kavallieri Ospedalieri (ta' San Ġwann) u Templari kellhom jaħarbu lejn Ċipru.

Malli l-Kruċjati daħlu Ġerusalemm huma waqqfu l-Patrijarkat Latin bl-elezzjoni tal-Patrijarka Arnulf ta' Choques (1099)

u warajh Diamberto ta’ Pisa (1099-1101). Il-Patrijarka Grieg Ortodoss Symeon II kellu jitlaq Ċipru u Kostantinopli, fejn l-Ortodossi żammew is-suċċessjoni apostolika tal-Patrijarki fl-eżilju. B’hekk il-Patrijarkat Latin ta’ Ġerusalemm kellu awtorità mhux biss fuq il-Kattoliċi, magħrufin bħala Latini fl-Art Imqaddsa, imma wkoll fuq l-Insara Ortodossi, Armeni u Ġakobiti. Ħamsin sena wara r-rebħa Kruċjata ġiet ikkonsagrata mill-ġdid il-Bażilika tal-Qabar ta’ Kristu nhar il-15 ta’ Lulju 1149, li l-Kruċjati kienu rrestawrawha u ħallewha kif għadna narawha sal-lum.[3]

Mal-qerda ta’ Akri u t-tmiem tar-Renju Kruċjat ta’ Ġerusalemm fl-1291 il-Patrijarka Grieg Ortodoss irritorna fis-sede tiegħu fil-Belt il-Qaddisa. Il-Patrijarka Latin ta’ Ġerusalemm baqa’ jiġi maħtur bħala isqof titulari sal-1847 meta l-Papa Piju IX reġa’ waqqaf il-Patrijarkat Latin ta’ Ġerusalemm residenti fil-persuna tal-Patrijarka Latin Giuseppe Valerga. Ta’ min jgħid ukoll li fl-1461 twaqqaf il-Patrijarkat Armen Apostoliku ta’ San Ġakbu ta’ Ġerusalemm, dipendenti mill-*Katholikos*, jew Patrijarka tal-Armeni kollha li hu residenti f’Etchmiadzin fl-Armenja. L-Armeni jsostnu li l-Isqof tagħhom kien diġà elevat għal dinjità ta’ Patrijarka fis-seklu 5, u li fis-seklu 7 insibu l-ewwel Patrijarka Armen ta’ Ġerusalemm li kien jismu Abraham, u ġie rikonoxxut mill-Kalif Omar. Illum fl-Art Imqaddsa hemm tliet Patrijarki, dak Grieg Ortodoss, li jżomm il-primat, dak Latin (Kattoliku) u dak Armen.

Wara t-telfa tal-Kruċjati l-preżenza tal-Knisja Kattolika fil-Palestina tkompliet grazzi għall-preżenza tal-Franġiskani. San Franġisk innifsu kien wasal Akri fl-1219 fi triqtu lejn l-Eġittu, fejn ġie milqugħ minn Fra Elija, Ministru Provinċjal tas-Sirja. Nafu li fl-1229 il-Franġiskani diġà kellhom kunvent f’Ġerusalemm, għalkemm sfaw martirizzati fl-1244. Il-preżenza Franġiskana b’mod stabbli bdiet fl-1333 meta Fra Roger Guerin akkwista ċ-Ċenaklu bl-għajnuna tan-nobbli Margherita di Sicilia u tar-Re Roberto d’Anjou ta’ Napli u martu Sanchia de Majorca. Mill-Għolja ta’ Sijon il-Franġiskani bdew jufficċjaw fil-Qabar ta’ Kristu u f’Betleħem, fejn kellhom kunvent fl-1347. Fil-21 ta’ Novembru 1342 il-Papa Klement VI minn Avignon indirizza lill-Franġiskani żewġ Bulli pontifiċji (*Gratias agimus* u *Nuper carissime*) li bihom iddikjara lill-Franġiskani bħala Kustodji tal-Art Imqaddsa f’isem il-Knisja Kattolika. B’hekk twieldet il-Kustodja tal-Art Imqaddsa. Il-ħidma tal-Franġiskani fost l-Insara tal-Palestina kienet waħda kbira, hekk li huma waqqfu l-parroċċi ta’ Ġerusalemm, Betleħem u Nazaret, u sal-1847 il-Kustodju tal-Art Imqaddsa kien l-unika awtorità ekkleżjastika Kattolika fil-Lvant Nofsani. Il-Kustodja Franġiskana tat xhieda tal-fedeltà lejn il-Vanġelu bil-martirju ta’ diversi

patrijiet, fosthom San Nikola Tavelić u sħabu f'Ġerusalemm (1391), il-Beatu Emanuel Ruiz u sħabu f'Damasku (1860) u l-Beatu Salvatore Lilli u sħabu fl-Armenja (1895). Il-ħidma tal-Franġiskani favur il-komunità Kattolika tal-Art Imqaddsa tkompli sal-ġurnata tal-lum.

Matul dawn l-aħħar mitejn sena diversi Ordnijet reliġjużi maskili u femminili daħlu fl-Art Imqaddsa u saħħew il-ħidma tal-Franġiskani u tal-Patrijarkat Latin. Insemmu, b'mod partikulari, il-Karmelitani, Dumnikani, Ġiżwiti, Lazzaristi, Kapuċċini, Salesjani, Fréres, u diversi kongregazzjonijiet ta' Sorijiet, fosthom Saint Joseph de la Apparition, Sorijiet ta' Sijon, Franġiskani Missjunarji ta' Marija, Franġiskani Missjunarji tal-Qalb Immakulata ta' Marija (Franġiskani tal-Eġittu), Dorotej, Missjunarji tal-Karità.

## Il-Knejjes Kristjani Orjentali Kattoliċi u l-Knejjes Protestanti

Fl-Art Imqaddsa maż-żmien daħlu ħames Knejjes Kattoliċi ta' Riti Orjentali, jiġifieri li jużaw il-liturġija tal-Knejjes Ortodossi imma li huma taħt l-ubbidjenza tal-Papa. Dawn jinkludu l-Knisja Kaldea (1552); il-Knisja Griega Kattolika jew Melkita (1724), li hi l-akbar komunità Kristjana u li ġiet imwaqqfa minn Kristjani li kienu Ortodossi fil-Patrijarkati ta' Antjokja, Lixandra u Ġerusalemm; il-Knisja Armena Kattolika (1740); il-Knisja Siro-Kattolika (1773); u l-Knisja Kopta Kattolika (1824).

Fis-seklu 19 daħlu wkoll il-Knejjes Riformati Protestanti, l-aktar il-Knisja Anglikana u l-Knisja Evanġelika Luterana. Fi żmienna żdiedu Lhud Kristjani li jitkellmu l-Ebrajk, ġejjin mir-Russja u r-Rumanija, u l-Lhud Messjaniċi kif ukoll il-*Christian Zionists*, li huma aktar moviment politiku milli reliġjuż.

## Referenzi


1 Materjal informattiv ta' din is-sensiela ta' artikli meħud mill-ktieb ta' Pier Giorgio Gianazza, *Guida alle comunità cristiane di Terra Santa*, Edizioni Dehoniane Bologna 2008.

2 Michele Piccirillo, *La Palestina Cristiana. I-VII Secolo*, Edizioni Dehoniane Bologna 2008, 25-51.

3 Denys Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*. Volume III: *The City of Jerusalem*, Cambridge Unversity Press 2010, 3-4




*Franġiskani fil-purċissjoni*



# ĦARSA LEJN IS-SIMBOLI BIBLIĊI: ID-DEŻERT, IL-MUNTANJA, IT-TINDA, IS-SĦABA U L-PURTIERA TAT-TEMPJU

***Fr Charles Buttigieg***

***"Is-sħaba ksiet it-tinda tal-laqgħa; u l-glorja tal-Mulej imliet it-tabernaklu. Mosè ma setax jidħol fit-tinda tal-laqgħa, għax fuqha kien hemm tistrieħ is-sħaba, u l-glorja tal-Mulej kienet timla t-tabernaklu" (Eżodu 40:34-35).***

## Id-Deżert

Il-poplu Lhudi kien imdawwar bid-deżert (bil-Lhudi: *midbar*, bl-Aramajk *barra*, bis-Sumeru *bar*, bis-Sirjak *barrita*) u huwa nnifsu għamel din l-esperjenza ta' prova qawwija. Kelmiet oħra ebrajċi marbut mad-deżert huma *tohu* u *bohu* li tfisser post battal u vojt, mingħajr abitazzjoni. Id-deżert huwa post mimli ramel, m'hemmx triqat u direzzjoni, id-direzzjoni tingħata biss mis-smewwiet.

Fil-Bibbja jissemmew id-deżert ta' Kades, ta' Faran, ta' Sin, ta' Sur, tan-Negev, ta' Qedar tal-Għarabja u dak ta' Ġuda. Il-poplu Lhudi jekk għex u mexa fid-deżert, dan seta' għamlu għaliex kellu miegħu lil Alla jakkompanjah f'din l-esperjenza (ara Dt 8:14-17; Ger 2:6; Gob 39:4). Id-deżert ta' Sin, li fih għex għal erbgħin sena sħaħ il-poplu Lhudi wara li Alla ħarġu mill-Eġittu, huwa msemmi għall-alla semitiku tal-qamar Sin. Id-deżert ta' Sin jestendi ruħu mal-peninsula kollha tas-Sinai. F'dan id-deżert għexu matul is-snin diversi eremiti u anakoriti u fih insibu l-monasteru antik ta' Santa Katerina.

Kull bidu ġdid jibda mill-esperjenza iebsa tad-deżert (Hos 2:16). Ġwanni l-Battista jħabbar is-Saltna l-ġdida tal-Messija proprju fid-deżert ta' Ġuda, jiġifieri tal-Ġudea. Id-deżert huwa post ta' prova u purifikazzjoni. Anke Ġesù qabel ma beda l-ministeru tiegħu pubbliku għamel l-esperejenza ta' erbgħin jum fid-deżert ta' Ġuda (midbar Yehuda) li huwa bejn Ġerusalemm u l-Baħar il-Mejjet. Id-deżert niexef u sħun ta' Ġuda huwa kkaratterizzat minn diversi widien profondi *wadis* u sisien *nahals* fondi mal-1200 pied. Deżert ieħor important fil-Bibbja huwa d-deżert kbir tan-Negev, li jkopri nofs il-Palestina, u li fih għex Abram u t-tribujiet ta' Xmun u Ġuda. Illum huwa stmat li jgħixu fih mal-160,000 Lhudi bedwin.

## Il-Muntanja

L-għoli tal-muntanja fil-Bibbja huwa marbut mal-kobor ta' Alla. Il-quċċata tal-muntanja hija marbuta mal-post tal-laqgħa ta' Alla mal-bniedem, il-post tal-alleanza jew tal-patt. Hekk naraw per eżempju fil-ġrajjiet ta' Abram u Mosè. Mosè jiltaqa' ma' Alla fuq il-Ħoreb, il-muntanja ta' Yaħweh, u Alla jagħtih l-għaxar kmandamenti fuq il-Muntanja Sinaj – *Har Sinai* jew *Har ha-Elohim* li hija għolja madwar 7500 pied (ara Es 3:1 u 1 Slat 19:8). Isem ieħor għas-Sinaj huwa *Jabal Musa* jiġifieri l-muntanja ta' Mosè. Il-kelma *horeb* tfisser ħuġġieġa jew sħana u għalhekk b'rabta max-xemx. Hawnhekk Mosè ra s-siġra taqbad bla ma tinħaraq *hasneh haboeir* u li dan kien post sagru (Eżodu 3:5). Il-Ħoreb hi wkoll l-blata li minnha ħareġ l-ilma għall-poplu bil-għatx (Eżodu 17:6).

Elija jiltaqa' ma' Alla fuq il-muntanja tal-Karmelu. Anke Elija żar il-Ħoreb (1 Slat 19:8). Il-muntanja Ħoreb hija ffavorita fit-tradizzjoni jaħwista u saċerdotali tal-Antik Testment filwaqt li s-Sinaj tissemma dejjem fit-tradizzjoni elohista u dewteronomista. Xi studjużi jorbtu l-Ħoreb u s-Sinaj ma' presenza ta' vulkan estint b'rabta mal-ħruq u t-tgħeżżiż u ragħad li jissemmew fil-Bibbja. Il-Biblista Amerikan Brevard Childs jorbot l-isem tas-Sinaj mal-kelma Sumera *zen* jew *zuen*, li kien l-alla qamar meqjum bħala Namnat f'Urr u f'Harran, jew il-kelma Aramajka *seneh* jew *sanya* li tfisser għollieqa u għalhekk b'rabta mar-rivelazzjoni ta' Alla lil Mosè. Il-kittieb Josephus jorbot is-Sinaj mal-Arabia Petraea, mal-Jebel al-Madhbah f'Petra, filwaqt li ġ-ġeografu tal-Università ta' Tel Aviv, il-professur Menashe Har-El, jorbotha mal-muntanja Sin Bishar.

Ġesù ukoll, fil-vangelu ta' San Mattew, jagħti t-tagħlim tiegħu fuq il-Muntanja (Id-Diskors tal-Muntanja). Ġesù jinbidel u jsir glorjuż fuq il-muntanja Tabor jew il-Muntanja tat-Trasfigurazzjoni jew Jebel et Tur – il-muntanja tal-

muntanji – fl-ispjanata ta' Esdraelon xi 7 km bogħod minn Nazareth. Ġesù jifdina bis-salib fuq il-għolja tal-Kalvarju.

Muntanji oħra li huma marbuta mal-Bibbja huma Ararat, Ebal, Ephraim, Gaash, Gebel Basan, Gerizim, Gilboa, Hazor, Libanu, Ħermon jew is-Sirjon, Hor, Miżar (Gebel Misar), Moreja, Nebo, l-għolja taż-Żebbuġ, Pisgah, Seir, Sijon, Zafon (Jebel el-Aqra) u Petra. Il-Ħurriti kienu meqjusa bħala l-poplu tal-muntanji.

## It-Tinda

Meta l-poplu kien jieqaf fid-deżert, kien ipoġġi l-arka fit-tabernaklu, tinda li kienet tkun magħmula mis-suf tal-mogħoż, *ha-mishkan*, bil-Latin: *tabernaculum*, Lhudi: *'ohel*; Grieg: *skene* (Ara Eż 26:30 u Eż 40:21). "Kull meta Mosè kien jidħol fit-tinda kienet tinżel kolonna ta' sħab, u tieqaf fil-bieb u titkellem ma' Mosè" (Eż 33:9). Fl-Ebrajk insibu l-kelma *shakan* li tfisser litteralment iddellel, minn hawn gejja l-kelma *shekinah*. It-tinda tal-laqgħa, mill-verb *'y'd'*, jew tal-patt – *'ohel mo'ed* – hija l-post fejn Alla jiltaqa' mal-poplu tiegħu. Tissejjaħ ukoll it-tinda tax-xhieda mill-verb Ebrajk *'wd'*. Din l-idea ta' tinda – santwarju – nsibuha ukoll fil-kulturi tal-popli tad-deżert u dawk semitiċi. (Ara Ġob 9:8 u Salm 104:2, Is 40:22.)

Il-popli tal-Mediterran fosthom il-Kartaġiniżi, kellhom tinda qaddisa. Din kienu jwaqqfuha u taħtha jqiegħdu figuri tal-allat tagħhom. San Ġwann jgħidilna li meta Ġesù nkarna u ġie fid-dinja huwa qiegħed it-tabernaklu tiegħu, litteralment waqqaf il-għarix tiegħu, fostna. It-tinda simbolu tal-protezzjoni għall-bniedem hija ukoll s-simbolu tal-għaqda ta' bejn is-sema u l-art. Simbolu tal-ħniena ta' Alla u tal-għajnuna tiegħu (Ara Salm 27:5; 2 Kor 5:1-4 u Apk 15:5). Li wieħed jgħammar taħt it-tinda jfisser parteċipazzjoni ħajja u sħiħa ma' Alla, presenza bħal dik futura fis-santwarju ta' Ġerusalemm.

Insemmu wkoll li ż-żwieġ Lhudi kien isir taħt it-tinda jew il-baldakkin. Kien hemm ukoll il-Festa tal-Għerejjex jew tat-Tined, bil-Lhudi: *Sukkoth*, li taħbat fil-ħarifa, eżattament fil-15-il jum tax-xahar ta' Tishri, bejn Settembru u Ottubru, meta kienu jaqtgħu l-għeneb. Il-festa tfakkar meta l-Lhud kienu jgħixu fit-tined matul





l-erbgħin sena tal-pellegrinaġġ fid-deżert (Ara Lev 23:42 u Ġw 7 37-46). Il-Festa ddum sebat ijiem u l-familji jagħmlu ħdejn djarhom jew fuq il-bjut, it-tined. Ta' min isemmi hawnhekk, b'rabta mat-tined, il-poplu tal-Ħiwiti, bl-Ebrajk: *havoth* li kienu jgħixu fit-tined f'Hermon, Tir, Libanu, Sikem u Gibeon (Ara Ġoswè 11:3).

## Is-Sħaba

Għandna ukoll l-isħaba, bil-Lhudi *`anan*, Grieg *nephele*, u d-dell fil-mixja tal-poplu Lhudi fid-deżert bħala simboli oħra ta' min isemmihom. Is-sħaba hija marbuta mal-presenza, *shekinah*, ta' Alla kif naraw f'Eżodu 40:38 u Numri 10:34. Naraw il-glorja tal-Mulej tinżel fuq is-Sinaj u sħaba tgħatti lil Mosè għal sitt ijiem (Ara Esodu 24:16). Naraw li d-dell jissemma fit-tħabbira tal-anġlu lil Marija: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla." (Luqa 1:35) L-isħaba tissemma fit-Trasfigurazzjoni tal-Mulej fuq it-Tabor (Luqa 9:34-35) u fit-Tlugħ tal-Mulej fis-sema quddiem id-dixxipli tiegħu (Atti 1:9). Is-sħaba wkoll għad turi lil Bin il-Bniedem fil-glorja tiegħu fil-jum tat-tieni miġja tiegħu (Luqa 21:27). Hija simbolu tal-misteru li jgħatti, bil-Grieg: *episkiazo*, s-sagru. Is-sħaba simbolu tal-presenza ta'

Alla li kienet takkumpanja lill-Israeliti fid-deżert (Es 13:21). Simbolu eskatoligiku tat-tieni migja ta' Kristu (Lq 21:27 u Mk 13:26). Fl-arti tal-ġudizzju finali s-sħab jifforma t-tron ta' Alla. Is-sħaba hija s-simbolu tat-tama u l-ħajja ġdida. Meqjusa bħala l-ilbies ta' Alla (Ara Prov 30:4). Hija wkoll simbolu tal-glorja ta' Alla. Hija simbolu tat-tron. It-tron huwa simbolu ta' potenza u ta' aworità u tad-divinità (Ara Eżekjel 1:2 u Apok 4:2), simbolu tal-parusia, it-tron ta' Alla fis-sema (Ara Salm 11:4, Is 66:1). Is-sħaba hija riferiment għall-Ispirtu ta' Alla: "Min kien dak li għalaq il-baħar b'bibien, meta dan b'qawwa ħareġ mill-ġuf, meta bis-sħab libbistu, u bid-dlam fisqejtu" (Ġob 38:8-9, ara Ġenesi 1:2).

Mis-sħaba tinżel ukoll ix-xita u għalhekk il-barka ta' Alla. L-ilma fuq kollox huwa d-don ta' Alla għall-ħajja. Fil-Bibbja l-postijiet marbuta mal-ilma kienu wkoll postijiet marbuta mal-kult; per eżempju, Banias - Cesarea ta' Filippi, Beer Sheba, Lahai Roi, Qadesh, En Mishpath, En Shemesh, u Baalat Beer - is-Sinjura tal-Bir.

## Il-Purtiera tat-Tempju

It-tempju ta' Ġerusalemm huwa marbut mal-presenza u mal-glorja tal-Mulej: "Qiegħed il-Mulej ix-xemx fis-smewwiet; imma hu ried jgħammar fid-dlam. Għalhekk jien bnejtlek dar fejn tgħammar, post fejn toqgħod għal dejjem" (1Slaten 8:12-13). Il-ħajt jew iċ-ċirku tal-ġebel, kif tfisser Gilgal, u l-bitħa tat-tempju jindikaw is-sagrilità tal-post tat-tempju *miqdash* u fuq kollox tal-għamara tiegħu. Fost is-santwarji li nsibu fil-Bibbja għandna Sikem u fil-qrib Ebal u Gerizim, Betel *Beitin* qrib Ramallah, Mambre *Qiryat Arba* jew *Haram Ramet el-Halil* qrib Ħebron, Beer Sheba, Gilgal, Silo *Khirbet Seilun* qrib Lubban, Mispa Beniamino *Nebi Samwil*, Gabaon *el-Gib*, Ofra *Tagħibeh*. Dan *Tel Dan*, Mika f'Efrajm u t-tempju ta' Ġersualemm, l-ewwel wieħed mibni mir-Re Salamun.

Il-velu, jew purtiera, huwa simbolu tas-sema (Ara Is 40:22). Wara l-purtiera kien hemm l-arka tal-patt. F'1 Mak 4:51 naraw l-għożża ta' dan il-velu fit-tempju. Il-purtiera kienet twila madwar sittin pied bi tletin pied wiesgħa. Kienet magħmula minn erba' kuluri, il-vjola, roża, aħmar u isfar, għall-erba' elementi tan-natura, l-art, l-arja l-ilma u n-nar. U kienet tkun irrakkmata bid-deheb. Kienu jinsġuha tmien tfaljiet verġni, ta' madwar tnax jew tlettax-il sena, mit-tribù ta' Ġuda. Dan ħalli juru s-safa u l-innoċenza marbuta ma' dan il-velu qaddis. Kienet issir waħda kull sena u tiddendel lejlet il-festa tal-espjazzjoni. Magħmula mill-porpra, drapp vjola li kien jiswa ħafna flus, u għażel fin.

## Biblijografija

Biedermann, H., *The Wordsworth Dictionary of Symbolism*, New York 1996.

Cortese, E., *The Priestly Tent (Ex 25-31.35-40). Literary criticism and the Theology of P Today*, in *LA* 48 (1998) 9-30.

Danielou J., *I simboli cristiani primitivi*, Roma 1990.

Davis, G.I., *The Wilderness itineraries: A comparative Study*, in *Tyndale Bulletin* 25 (1974) 46-81.

Estabrooks, A.S., *Some initial notes for a comparison of the orthodox worship and mission today, with the eschatological vision of worship in the book of Revelation*, in *The Canadian Journal of Orthodox Christianity* 7 (2012) 200-215.

Leon-Dufour X., *Dictionary of Biblical Theology*, London 1969.

Lurker, M., *Dizionario delle Immagini e dei Simboli Biblici*, Cinisello Balsamo (Milano) 1990.

Pilch, J.J., *The cultural Dictionary of the Bible*, Collegeville (Minnesota), 1999.

Ravanelli, V., *I santuari dell'Antico Testamento*, in *SBF*, Jerusalem 2005, 1-9.

Wright, T.F., *Was the Tabernacle oriental?*, in *JBL* 18 (1899) 195-198.

Vuk, T., *Religione nazione e stato nel vicino oriente antico e nella Bibbia*, in *LA* 40 (1990) 105-158.



# IS-SIWI TAL-OFFERTA LI GĦAMEL KRISTU MINN FUQ IS-SALIB (LHUD 10, 1-18)

***Mons. Lawrenz Sciberras***

Il-kliem li l-awtur tal-ittra lil-Lhud (10,1-18) juri sew il-qawwa kif ukoll is-siwi straordinarja tal-offerta li għamel Ġesù tiegħu nnifsu hemm fuq il-kalvarju. Din id-debħa serviet ta' bidla għal ħajjitna u għal dik tad-dinja! Ġesù l-ħaruf veru u immakulat imur 'il barra mill-ħitan



tal-belt b'mod l-aktar konxju u liberu. Imbagħad fl-istess ħin li fil-bitħa tat-tempju missier il-familja kien jiskarna l-ħaruf annimal biex jieklu flimkien mal-familja tiegħu għal dik il-festa tal-Għid. Spiċċaw għalhekk darb'għal dejjem il-figuri u s-simboliżmi u daħlet ir-realtà!

## Il-qawwa tad-debħa

Dan it-tip ta' qawwa qiegħed rivelat fl-Ittra lil-Lhud marbut mal-misteru ta' Kristu. Dan qiegħed f'kap 10 li fih is-sagrifiċċju ta' Kristu jiġi ppreżentat bħala l-intervent deċesiv li biddel mill-qiegħ is-sitwazzjoni reliġjuża tagħna lkoll. L-awtur joħroġ għad-dawl f'oppożizzjoni man-numru bla għadd ta' debħiet qodma li però dawn kollha baqgħu biss fuq livell superfiċjali u huma kollha bla siwi ta' xejn! Irwejjaħ jintnu ta' ħruq, demm jiġri u jċappas, għajjat tal-annimali waqt l-iskarnar tagħhom, tqaxxir tal-ġlud, flimkien ma' ċerti argumenti sħan li seta' jkollhom l-istess irġiel. Sa hawn kien jasal kollox. U sabiex dan kollu seta' jsir, fil-bitħa tal-qtil tat-

tempju kien hemm erbgħa u għoxrin ganċ sabiex jorbtu magħhom il-ħrief u jisolħuhom!

L-awtur jibda hekk: "Il-Liġi ta' Mosè, billi għandha biss id-dell tal-ġid li għandu jiġi, u mhux dan l-istess ġid, lil dawk li jersqu qrib lejn Alla ma tista' qatt tagħmilhom perfetti bis-saħħa ta' dawk is-sagrifiċċji li huma joffru bla waqfien minn sena għal sena." (Lhud 10,1).

## Debħiet ta' tpattija

Ta' kull sena jiġu offruti lil Alla sagrifiċċji ta' tpattija (espjazzjoni), iżda billi dawn kienu ħaġa minn barra biss, ma kellhomx il-qawwa mixtieqa. Il-liġi ma kenitx kapaċi tasal sal-qalba tar-realtà, jiġifieri li tnaddaf il-kuxjenzi mid-dnub u twassal mill-ġdid il-vera paċi tal-qalb! Tibqa' biss ħaġa minn barra u dell tal-ħwejjeġ futuri.

L-awtur ikompli jfisser dan il-ħsieb hekk: "Għax kieku kien hekk, dawk li jagħtu l-kult lil Alla ma kinux forsi jwaqqfuhom dawn is-sagrifiċċji kieku kienu jħossu ruħhom bla dnubiet u mnaddfin minnhom darba għal dejjem?" (Lhud 10,2). La darba r-riżultat kien jintlaħaq, l-attività tas-sagrifiċċji kienet tieqaf darba għal dejjem! L-awtur ikompli jfisser: "Għall-kuntrarju, b'dawn l-istess sagrifiċċji ssir it-tifkira tad-dnubiet minn sena għal oħra." (Lhud 10,3). Għaliex kull darba li ssir xi debħa ta' maħfra lil Alla, din kienet tfakkar li l-bniedem dineb u dineb tassew. L-unika qawwa u indikazzjoni tas-sagrifiċċji antiki kienet dik li tfakkar il-poplu li kien midneb u li kellu l-bżonn ta' tpattija u waħda serja.

Issa billi din it-tpattija għad-dnubiet kienet issir bil-mezzi esterni biss – ħruq bla għadd ta' bhejjem – ma kellha ebda effett pożittiv ta' medjazzjoni ma' Alla u anqas ta' purifikazzjoni: "Għax ma jistax ikun li d-demm tal-gniedes u tal-mogħoż ineħħi d-dnubiet" (Lhud 10,4). Dan



huwa fatt li ħadd ma jista' jiċħdu.

Ir-raġunament dwar din il-verità huwa wieħed ċar ħafna: Id-demm ta' annimal skarnat u mbagħad maħruq fuq artal, dan il-ġest ma seta' qatt u qatt ikollu l-qawwa li jnaddaf il-kuxjenza tal-bniedem. Kienet iva prova, sforz ta' medjazzjoni imma kompletament mingħajr ebda riżultat pożittiv fuq ir-ruħ tal-bniedem. Ir-ruħ tal-bniedem hija spiritwali, mela riedu jkunu mezzi spiritwali biex inaddfuha minn kull ħtija.

## Iwarrab id-debħiet

Minħabba dan in-nuqqas ta' qawwa fuq il-kuxjenza, naraw li diġà fit-Testment il-Qadim insibu siltiet li fihom Alla jwarrab id-debħiet tal-annimali flimkien mas-sistema ta' għemejjel esterni u r-ritwali kollha . Hekk fis-salm 50, Alla b'mod ironiku jistaqsi: "Huwa jien se niekol laħam il-gniedes, jew nixrob id-demm tal-gidjien?" (Salm 50,13). Osservazzjoni preċiża u li torbot magħha verità sħiħa tassew.

L-istess ħsieb qawwi jġorr il-profeta Isaija: "X'tiswieli l-kotra tas-sagrifiċċji tagħkom? Jgħid il-Mulej. Xbajt mis-sagrifiċċji tal-ħruq tal-bdabad u mix-xaħam tal-bhejjem smien. Id-demm tal-gniedes u l-ħrief, u tal-imtaten ma jogħġobnix" (Is 1,11). L-awtur tal-ittra jagħżel wieħed minn dawn it-testi li jirrappreżenta vantaġġ doppju. Dak li warrab kull forma ta' sagrifiċċju ritwali, u dak li jipproponi soluzzjoni tajba. Fis-salm 39 dak li jitlob jgħid lil Alla: "Int ma titgħaxxaqx b'sagrifiċċji u offerti; imma widnejja inti ftaħtli; ma tlabtnix vittmi tal-ħruq u tat-tpattija. Mbagħad jien għedt: 'Hawn jien ġej, li nagħmel ir-rieda tiegħek'. B'hekk (Alla) neħħa s-sagrifiċċji tal-ewwel biex iqiegħed flokhom tat-tieni" (Lhud 10,9). Dan il-kliem tant huwa ċar u jiġbor fih veritajiet tas-sema, li l-Knisja taqrah fil-quddiesa tat-Tħabbira tal-Mulej, jiġifieri nhar il-25 ta' Marzu.



Hekk Alla warrab id-drawwiet antiki li kienu bla qawwa, ineffikaċi, u minn flokhom għamel l-offerta perfetta dik ta' ġismu stess. Hawn qiegħda d-differenza kollha bejn id-debħiet tat-Testment il-Qadim li kienu jsiru fil-maqdes ta' Ġerusalemm u l-offerta tiegħu stess fuq il-Kalvarju li saret darba waħda biss! Fil-fatt is-sistema qadima tneħħiet għalkollox. Dan għaliex fis-sena 70 W.K. it-tempju safa ħerba mir-Rumani, u issa l-Lhud ma għandhom imkien fejn jidbħu d-debħiet tagħhom lil Alla! F'din is-silta hekk għolja, wieħed jista' jammira l-imħabba ta' Kristu lejn il-Missier. Mħabba li tidher f'disponibiltà u ubbidjenza l-aktar perfetti, disponibiltà li kienet se ġġib magħha tant u tant tbatijiet.

## Kult indenn

Alla fuq din l-art ma sabx kult den u li tassew jixraqlu u jogħġbu! Huwa ma setax jilqa' s-sagrifiċċji ta' l-annimali; u dan għaliex ma kienx possibbli li d-demm tal-annimali skarnati jidħlu f'għaqda ma' Alla l-Missier u dan biex inaddfu l-kuxjenzi tal-bnedmin mid-dnub! Għalhekk Kristu wara li ra din is-sitwazzjoni miskina, iddeċieda li joffri lil Alla Missieru kult l-aktar perfett u għoli. Ix-xewqa qawwija li kellu Ġesù fil-qalb tiegħu kienet dik li Alla Missieru jiġi gglorifikat kif tassew jimmerita, jiġifieri li ssir il-volontà tal-Missier.

Ġesù ma marx ifittex xi debħiet esterni, ma talabx mezzi oħra quddiem din is-sitwazzjoni hekk nieqsa u imperfetta, imma offra lilu nnifsu stess. "'Hawn jien ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek'. B'hekk Alla neħħa s-sagrifiċċji tal-ewwel biex iqiegħed flokhom tat-tieni. Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna mqaddsin. Permezz tal-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu magħmula darba għal dejjem." (Lhud 10,9-10). Minflok id-debħiet esterni, u materjali, Ġesù offra l-ħajja proprja tiegħu. L-ubbidjenza sħiħa tiegħu lejn il-Missier, kif hemm imfakkar fil-Vanġelu u f'kitbiet oħra: Sar mill-bidu sa l-aħħar il-vittma l-aktar pura, safja, u qaddisa li issa kapaċi tqaddes lill-oħrajn.

(i) Kienet din l-ewwel risposta fil-Vanġelu ta' Luqa u t-tweġiba li ta' lill-ommu meta kellu biss tnax-il sena. "Ma tafux li jien għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri" (Lq 2,49).

(ii) Ġesù ġie biex jikkonsagra lilu nnifsu għall-qadi tal-Missier. "Għax jien nżilt mis-sema mhux biex nagħmel ir-rieda tiegħi, imma r-rieda ta' min bagħatni" (Ġw 6,38).

(iii) Hekk ukoll waqt l-agunija: "Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek u mhux tiegħi" (Lq 22,42).

Barra dan Ġesù fl-ubbidjenza tiegħu wera sentimenti għolja ħafna:
(i) l-ogħla mħabba lejn Alla Missier, kif ukoll (ii) l-imħabba erojka lejn il-bnedmin kollha tad-dinja. Din l-imħabba Kristu uriha bis-sottomissjoni sħiħa għall-volontà eterna li titlob is-sagrifiċċju tat-tixrid ta' demmu: "Jien imbagħad għedt: Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, O Alla (Lhud 10,7). Uriha b'mod sħiħ permezz tal-volontà tiegħu stess. "Forsi l-kalċi li tani Missieri ma nixorbux? (Ġw 18,11). Kienet ukoll waħda l-iktar umli, "ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt tas-salib" (Fil 2,8). Sa hawn waslet l-imħabba bla qies ta' Ġesù għalina l-bnedmin.

Hawn jidher għalhekk li r-rieda ta' Alla hija rieda ta' rebħa fuq il-ħażin u dan permezz tas-SALIB. Ġesù aċċetta din il-volontà, mhux le b'sempliċi rassenjazzjoni, imma b'xeħta ta' mħabba ta' iben. L-awtur imbagħad jitkellem mill-qawwa ta' din l-offerta ta' Ġesù; "Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna mqaddsin, permezz tal-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu magħmula darba għal dejjem" (Lhud 10,10). Ogħla aktar minn daqshekk l-awtur ma setax juri lin-nies.



# IL-FAMILJA: DRAWWIET U ĠRAJJIETHA FIL-ĠDID TESTMENT[1] (1)

*Marcello Ghirlando*

Meta niġu biex nitkellmu ftit fuq l-istituzzjoni tal-familja fil-Ġdid Testment, anke b'riferiment partikulari għall-Familja Mqaddsa ta' Ġużeppi, Marija u Ġesù, l-ewwel ma jiġini f'moħħi huwa l-kliem tal-Beatu Papa Pawlu VI fis-Santwarju ta' Nazaret, kliem imlissen f'Jannar tal-1964, waqt l-ewwel pellegrinaġġ ta' Papa, il-Qdusija Tiegħu Pawlu VI, fl-Art Imqaddsa, dik l-art li l-istess Papa sejjaħ "il-ħames Vanġelu".

Hekk kien stqarr Papa Montini: *"Id-dar ta' Nazaret hija skola, skola fejn wieħed jitgħallem jagħraf il-ħajja ta' Kristu, skola tal-Evanġelju. Hawn l-ewwel nett nitgħallmu naraw, nisimgħu, nimmeditaw u nifhmu sewwa x'tifsira kbira u għolja għandha għalina l-ħajja mill-iżjed sempliċi, umli u ħelwa li biha l-Iben ta' Alla ried jurina lilu nnifsu. U forsi wkoll bil-ftit il-ftit nitgħallmu nsiru nixbħuh. Din id-dar tagħtina d-dawl, tifthilna t-triq li malajr twassalna biex nagħrfu min hu Kristu. Fuq kollox hawnhekk inħossu l-bżonn li nagħtu ħarsa sewwa lejn dak kollu li għandu x'jaqsam, anzi donnu għandu rabta, mal-għamara ta' Kristu fina; irrid ngħid jien, il-postijiet, iż-żminijiet, id-drawwiet, id-diskorsi, ir-riti mqaddsa, f'kelma waħda dak kollu li bih inqeda Ġesù biex juri lilu nnifsu lid-dinja. Hawn ġew kollox jitkellem, kollox għandu t-tifsira tiegħu… Nitgħallmu wkoll hawnhekk kif għandha tkun l-imġiba tagħna fil-ħajja tad-dar. Għax id-dar ta' Nazaret tfissrilna tajjeb x'inhi l-familja fix-xirka tagħha ta' għożża, fis-sbuħija kbira u mdawla tagħha, fir-rabta qaddisa u sħiħa tagħha; id-dar ta' Nazaret turina kemm hi ħelwa t-trobbija fil-familja li ebda trobbija oħra ma' tista' teħdilha postha; tgħallimna x'inhu l-uffiċċju naturali tal-familja fl-ordni soċjali…"*[2].

Bħal donnu Pawlu VI fakkarna, fost ħafna affarijiet, li biex nifhmu lil Kristu u r-realtà tal-Familja Mqaddsa, irridu ta' bilfors nagħrfu aħjar il-kuntest vitali konkret li fiha għex hu mal-familja tiegħu. Dan jidher b'mod partikluari fil-kliem li nixtieq intenni: *"Fuq kollox hawnhekk inħossu l-bżonn li nagħtu ħarsa sewwa lejn dak kollu li għandu x'jaqsam, anzi donnu għandu rabta, mal-għamara ta' Kristu fina; irrid ngħid jien, il-postijiet, iż-żminijiet, id-drawwiet, id-diskorsi, ir-riti mqaddsa, f'kelma waħda dak kollu li bih inqeda Ġesù biex juri lilu nnifsu lid-dinja"*. Dan se jkun l-iskop ta' dan l-artiklu li bih nixtieq niġbor flimkien xi ideat marbuta mal-familja fil-kuntest tal-Ġudajiżmu kif mgħajjex fil-Palestina tal-Ġdid Testment[3].

Ma naħsibx li nkunu qed nesaġeraw jekk ngħidu li l-istituzzjoni tal-familji fi żmien il-Ġdid Testment kienet il-pedament tal-ħajja soċjali, ekonomika, politika u teoloġika tal-ħajja. Forsi mhux ta' b'xejn li l-Vanġeli huma mirquma bil-ħjut tat-tixbihat u l-lingwaġġ marbut intimament mal-ħajja tal-familja. Ġesù jitwieled u jitrabba f'familja, hu jżur id-djar tal-familji, jgħallem, ifejjaq u jiekol fihom u spiss jinqeda b'tixbihat familjari biex iżewwaq il-parabboli u t-tagħlim tiegħu. Direttament jew indirettament il-familja hija realtà dejjem attwali fil-Vanġeli li jagħtuna l-ġrajja ta' Ġesù.

Dan kollu jinftiehem aktar u aktar meta nġibu quddiem għajnejna kemm il-familja – dik ta' Abraham, Iżakk, Ġakobb, il-familja tat-tribujiet, il-familja tad-"dar ta' ulied Iżrael" kienet il-pern li Alla għażel biex iwettaq progressivament dik li aħna nqisu hija l-istorja tas-salvazzjoni. Direttament jew indirettament il-familja hija realtà dejjem attwali fl-istorja tal-imħabba, miġbura fil-kitbiet tal-poplu tar-Rabta l-Qadima, ta' Alla lejn il-poplu tiegħu. Imma ħa nippruvaw nżommu l-ħarsa tagħna fuq il-Ġdid Testment.

## Ir-realtà soċjali tal-familja fil-Ġdid Testment

Il-Vanġeli bħal donnhom tieqa miftuħa fuq ir-realtà tal-ħajja tal-familja fi żmien Ġesù. Spiss il-persunaġġi li jissemmew huma mlaqqma fil-ħajja tal-familja tagħhom. Mingħajr ma nitkellmu għalissa fuq l-istess familja ta' Ġesù, nistgħu nġibu diversi eżempji. Pietru huwa parti minn familja: jissemma ħuh Indrì, martu u omm il-mara tiegħu mfejqa minn Ġesù (Mk 1:30). Ġajru, li jitlob bil-ħerqa l-għajnuna ta' Ġesù, jidher flimkien ma' martu u ma' bintu mqajma mill-mewt (Mk 5:40-43). Il-familja ta' Najn hija magħmula minn omm, armla, u binha mqajjem ukoll mill-qawwa ta' Ġesù (Lq 7:12). Marta, Marija u Lazzru huma aħwa li jgħixu flimkien fid-dar (Ġw 11:1-



3; Lk 7:12). Is-Samaritana, diġà miżżewġa għal ħames darbiet, kienet qiegħda tgħix mas-sitt raġel tagħha (Ġw 4:16-18). Ġesù jistieden lilu nnifsu fid-dar ta' Żakkew u jwassal is-salvazzjoni fid-dar/familja tiegħu (Lq 19:1-10). Ma' dawn nistgħu nsemmu r-riferenzi li jsiru għad-djar għonja, bħal per ezempju tal-Qassisin il-Kbar u dik ta' Erodi Antipas, li kienu jiġbru fihom suldati u lsiera flimkien (Mk 6:17-29; 14:47, 53-72).

Kieku kellna niddiskrivu l-familja fil-Ġdid Testment fi ftit kliem nistgħu ngħidu li kienet realta' *patrilokali*, jiġifieri li n-nisa kienu jiżżewġu fil-familja ta' żwieġhom, bil-wirt li kien marbut man-nisel maskili. Id-djar spiss kienu jiġbru fihom anke tliet ġenerazzjonijiet: ir-raġel ma' martu, aħwa mhux miżżewġa, ulied mhux miżżewġa, ulied miżżewġa u neputijiet. L-ilsiera u persuni mħaddma mill-familja kienu jitqiesu bħala parti mid-dar u l-familja, bħalma kienu jitqiesu r-romol u anke barranin li kienu jinġabru taħt is-saqaf familjari ta' dawk li kienu jistgħu.

Il-familja fi żmien il-Ġdid Testment, f'dak li għandu x'jaqsam ma' awtorità, kellha qafas ġerarkiku. Il-missier jew r-raġel l-aktar anzjan kien jitqies bħala l-partrijarka. L-awtorità kollha kienet f'idejh. L-irġiel kellhom awtorità fuq in-nisa tagħhom (ara Sir 25:26), il-ġenituri fuq uliedhom (Eż 20:12; Sir 3:1-16; Tob 4:3-4). Ir-responsabilitajiet formali tal-familja, id-deċiżjonijiet u l-finanzi, kienu jaqgħu fuq il-missier, inkluża r-realtà li jinnegozja ż-żwieġ ta' uliedu. Niftakru li mal-mewt tal-missier din ir-responsabilità kienet taqa' fuq ibnu l-kbir. Il-parabboli ta' Ġesù jixhdu għall-awtorità li kellhom il-ġenituri fil-familja (Mt 18:23-34; 21:28-31; Lq 15:11-32), awtorità mseddqa minnu stess (Mk 7:9-13; 10:19; Lq 2:51). U forsi dan kollu jfakkarna wkoll f'kemm żvantaġġi kienu jiffaċċjaw ir-romol mingħajr il-bastun ta' żwieġhom.

Il-ħajja ta' kuljum tal-maġġoranza tal-familji kienet msejsa fuq ix-xogħol neċessarju biex wieħed jipprovdi għall-familja tiegħu. Jidher li kulħadd kellu r-responsabilitajiet tiegħu f'dan il-qasam: missirijiet, ommijiet, adulti u tfal żgħar, l-ilsiera u membri oħra fid-dar kellhom jagħtu sehem fid-dar, fix-xogħol, fil-ħidma tar-raba' (ara Mk 1:16-20; Mt 21:28-31; Lq 10:40; 15:25-32).

Il-familji, anke dik fis-sens aktar wiesa', kienu marbuta mal-komunità li fiha kienu jgħixu. Il-komunità lokali ta' raħal kienet tqis ruħha bħala familja (Lq11:5-8; 15:3-10). Il-Lhud stess kienu jqisu lilhom infushom bħala familja kbira.

## Żwieġ u divorzju

Id-drawwiet fuq iż-żwieġ u l-familja nistgħu niġbruhom mit-tagħlim tar-rabbini, tagħlim li bejn wieħed u ieħor jirrifletti żmien il-Ġdid Testment. Ir-rabbini kienu jistennew li r-raġel jiżżewweġ meta jkollu madwar għoxrin sena, wara li jkun studja t-*Torah*. Il-bniet kienu jingħataw għaż-żwieġ ftit wara l-pubertà. Il-biċċa l-kbira taż-żwiġijiet kienu jkunu żwiġijiet mifthiema bejn il-familji, imsejsa fuq l-approvazzjoni ta' missier it-tfajla jew ħuha l-kbir fl-assenza tal-missier (Tob 7:11-14). Fost il-Lhud kien obbligatorju li jiżżewġu ma' Lhud, anke jekk mhux l-ewwel darba li kien isir xi żwieġ ma' parti proselita.

Żwieġ bejn il-kuġini kien permess fil-limitu ta' dak li kienet tistqarr il-Liġi f'Levitiku 18:6-17. Il-Levitiku kien iqiegħed ukoll kundizzjonijiet ċari rigward iż-żwiġijiet fost il-qassisin u l-qassisin il-kbar (Lev 21:7, 13-15).

L-ewwel pass lejn iż-żwieġ kien l-għerusija, li kienet tiġi ċċelebrata permezz ta' ċerimonja u kienet ittul għal diversi xhur, xhur li fihom l-għarajjes kienu jħejju għall-festa tat-tieġ u jħejju d-dar għall-familja l-ġdida tagħhom. L-għerusija kienet tinkludi fiha wegħda solenni ta' żwieġ, tant li l-għarajjes kienu jitqiesu daqslikieku miżżewġin. Kull infedeltà kienet titqies bħala adulterju (Dt 22:23-29) u l-ksur tal-wegħda tal-għerusija kienet teħtieġ anke l-kitba tad-divorzju.

Il-mara kienet tidħol għaż-żwieġ b'dota mħejjija apposta. Id-dota, almenu għal min ma kienx fqir iżżejjed, kienet tikkonsisti f'muniti jew oġġetti ta' valur; ħwejjeġ, borom, għodda tax-xogħol eċċ. Id-dota kienet formalment tappartjeni lir-raġel, imma setgħet tingħata lura lill-mara jekk imut ir-raġel jew jekk dan jitlaq lil martu bid-divorzju. Ir-raġel kien obbligat jagħmel ħlas lill-missier l-għarusa tiegħu, ħlas li kien jissejjaħ *mohar* (Ġen 34:12; Eż 22:15-16). Aktar tard fl-istorja hu kien obbligat jagħmel biss *kettubah*, kitba li biha jwiegħed somma flus lil martu jew uliedu fil-każ ta' mewtu jew divorzju: il-ħlas



imwiegħed kien ikun mill-inqas 200 dinar għal xebba u 100 dinar jekk jiżżewweġ mara li kienet diġà kienet miżżewġa.

Il-kitba taż-żwieġ, *ketubbah*, li kienet issir fit-tieġ kienet tixhed għar-rabta taż-żwieġ u tiċċara l-obbligazzjonijiet monetarji tal-partijiet (Tob 7:14). Din il-kitba kellha l-karatteristiċi kollha ta' kuntratt formali u fiha wieħed seta' isib dati, ismijiet, l-obbligazzjonijiet legali lejn xulxin, xhieda u firem.

Il-festa tat-tieġ kienet ittul anke sebat ijiem u kienet tibda b'purċissjoni tax-xebba lejn id-dar il-ġdida. Kien l-għarus, megħjun mill-'ħabib tal-għarus', li kien imur għal għarustu b'purċissjoni mżewqa bil-kant u ż-żfin. Element importanti tal-festa tat-tieġ kien il-mument li fih ried jiġi ppruvat li l-għarusa kienet verġni (Dt 22:13-31).

Ir-rabbini saħqu wkoll fuq l-obbligi tar-raġel u l-mara, li jinfthiemu fid-dawl tal-mentalità patrijarkali taż-żmien. Il-missier kien fid-dmir li jipprovdi għall-familja u jmantniha. Kellu jindokra bl-imħabba u bil-kura lil martu. Il-mara kellha d-dmir li tipprovdi l-ħwejjeġ u l-ikel għall-familja, ikollha x'taqsam mar-raġel, twelled u tieħu ħsieb iż-żgħar. Jekk il-mara ma kenitx twettaq dmirijietha, ir-raġel kellu l-permess jiddivorzjaha u jibgħatha u l-istess setgħet tagħmel il-mara, anke il-kitba kellha ssir mir-raġel. Ir-raġunijiet għad-divorzju kienu, almenu sal-ewwel seklu qabel Kristu, il-ksur tal-wegħdiet taż-żwieġ: fedeltà, kura fl-ilbies, fl-ikel u fl-imħabba fiżika. Nafu li fi żmien il-Ġdid Testment kien hemm dibattitu kbir fuq ir-raġunijiet validi għad-divorzju (Mt 19:3-9; ara wkoll Sir 25:16). L-iskola ta' Rabbi Xammaj kienet tqis biss l-adulterju bħala raġuni



ewlenija għad-divorzju; l-iskola ta' Rabbi Ħillel kienet tqis kwalunkwe ħaġa li ma kenitx togħġob lir-raġel fil-mara bħala raġuni biżżejjed għad-divorzju. Minħabba r-realtà tad-divorzju u l-mewt bikrija ta' waħda mill-partijiet, iż-żwieġ mill-ġdid kien komuni.

## Dmirijiet fil-familja

Il-prokreazzjoni tal-ulied kienet titqies bħala r-raġuni aħħarija ta' kull żwieġ: "Nisslu u oktru, u imlew l-art, u aħkmuha…" (Ġen 1:28). Żewġt itfal kienu jitqiesu bħala l-minimu li familja seta' jkollha, imma ġeneralment il-familji kienu numerużi ħafna. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li l-mortalità infantili kienet komuni ħafna. Anke jekk diversi metodi ta' kontroll tat-twelid kienu jeżistu ftit nafu fuq kemm dawn kienu jintużaw; ħaġa waħda hija ċerta li l-abort u l-qtil tat-tfal, komuni fis-soċjetà mhux Lhudija, ma kenux aċċettati fost il-Lhud.

Anke l-ulied kellhom id-dmirijiet lejn il-ġenituri. Kienu obbligati jweġġgħu lil missierhom u lil ommhom (Eż 20:12) fi spirtu ta' ubbidjenza li hija bieb miftuħ għas-sema. "Uliedi, isimgħu minni, jien missierkom; agħmlu kif ngħidilkom jien biex issalvaw. Għax il-Mulej għolla l-missier fuq it-tfal, u saħħaħ dritt l-omm fuq l-ulied…daqs midgħi min jitlaq lil missieru waħdu, u misħut mill-Mulej min jgħaddab lil ommu" (ara Sir 3:1-16); "Isma', ibni, kliem missierek, u twarrabx tagħlim ommok; dawn huma għalik kuruna sabiħa fuq rasek, u kullana ta' ġieħ madwar għonqok" (Prov 1:8-9).

Il-ġenituri kienu l-edukaturi ewlenin ta' wliedhom skont l-istqarrija tal-fidi Lhudija f'Dt 6:7: "Għallimhom lil uliedek!" L-edukazzjoni kienet prinċipalment reliġjuża u kien hemm fost is-subien li kienu jmorru fil-*beit midraxx*, fl-iskola tas-sinagoga. Id-dixxiplina korporali kienet parti mill-edukazzjoni: "Min iħobb 'l ibnu, ta' sikwit, jagħtih is-swat, ħalli fl-aħħar ikollu biex jifraħ. Min lil ibnu jżommlu, ibnu jkun għalih ta' ġieħ, u jiftaħar bih man-nies li jafhom. Min irabbi tajjeb 'l ibnu jqanqal l-għira tal-għadu, u jkun ferħan bih quddiem il-ħbieb… Widdeb lil ibnek u żommlu iebes, biex ma tixgħofx bl-għajb tiegħu" (ara Sir 30:1-13); "Agħmel għassa sewwa fuq tifla rasha iebsa, li ma tmurx iddaħħak l-għedewwa tiegħek bik, iġġibek f'ilsien il-belt kollha jew tagħmlek għajdut in-nies, u ġġiegħlek tistħi quddiem kotra kbira" (Sir 42:11). L-edukazzjoni tas-subien kienet responsabilità ewlenija tal-missier, filwaqt li l-edukazzjoni domestika tal-bniet kienet dik tal-omm. Jekk kienet tmut l-omm, il-missier kien obbligat li jkompli jipprovdi għal uliedu, anke jekk jerġa' jiżżewweġ u jwaqqaf familja oħra. Kienet prassi mbagħad, li l-wirt tal-missier jgħaddi fuq l-ulied subien, anke jekk il-bniet setgħu ma jiġux esklużi, speċjalment jekk jibqgħu ma jiżżewġux.

## Ix-xogħol

Iċ-ċirkustanzi ekononomiċi tal-familji fil-biċċa l-kbira kienu modesti ħafna. L-għonja kienu ftit: xi familji f'Ġerusalemm u dawk li kellhom artijiet kbar fil-Galilija, li spiss kienu f'idejn il-barranin li kienu jamministrawhom f'isem il-familji rjali. Il-familji kienu jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum billi jaħdmu fil-biedja, fis-snajja' u f'xi negozju żgħir. Fil-Lhudija aktar komuni kienet it-trobbija tal-bhejjem. Mal-Baħar tal-Galilija wieħed seta' jsib ħafna li kienu jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum bis-sajd. Fil-Wied tal-Ġordan kienu jaħdmu fl-għelieqi tad-dwieli u tat-tin. Ix-xogħol kien iebes għal kulħadd, anke għal dawk li kienu jaħdmu l-fuħħar, il-ħaddieda, il-konzaturi, il-ħajjata eċċ.

Ħafna familji kienu sabu xogħol fi żmien il-proġetti kbar ta' bini fi żmien is-Sultan Erodi l-Kbir. Imma l-qagħad kien komuni, ħafna familji kienu fil-fatt foqra, it-toroq perikolużi

minħabba l-ħallelin, it-taxxi għolja ħafna. Raġunijiet li xprunaw ħafna familji biex jemigraw mill-Palestina u jsibu xorti aħjar fid-diversi komunitajiet Lhud tad-*Diaspora*, jiġifieri barra l-Palestina, imxerrda fil-baċin tal-Mediterran.

## Id-Djar

Kif kienu d-djar tal-familji fi żmien il-Ġdid Testment nafuh mill-fdalijiet arkeoloġiċi u mill-letteratura rabbinika li titkellem fuq il-ħajja ta' kuljum tal-familji. Id-djar kienu magħmulin minn kmamar kwadri jew rettangulari, b'bitħa jew diversi btieħi, skont it-tip tad-dar. Il-bjut dejjem kienu ċatti. Uħud mid-djar kellhom ukoll it-tieni sular, uħud minnhom anke b'gallarija, li kont titla' għalih jew minn taraġ tal-ġebel jew sellum.

It-twieqi ġeneralment kienu żgħar u jitqiegħdu fl-għoli u jagħtu għall-bitħa. Il-ħitan ħoxnin kienu jitħallew b'speċi ta' niċeċ fihom u dan biex jintużaw biex dak li jkun jerfa' l-affarijiet. Il-ħitan kienu jitkaħħlu. Fid-djar tal-għonja it-tikħil kien ikun fin u mhux l-ewwel darba mpinġi bl-affreski. L-art kienet titballat bit-trab jew bit-tafal; it-twapet kienu jagħtu dehra isbaħ u jaqtgħu l-kesħa. Jekk familja kienet tat-tajjeb, l-artijiet kienu jinksew bil-madum tal-ġebel jew saħansitra anke bil-mużajk.

Il-materjal għall-bini kien karatteristiku tar-reġjun. Per eżempju, jekk wieħed jara l-fdalijiet tar-raħal ta' Kafarnahum, jinduna li d-djar żgħar tal-familji kienu jinbnew bil-basalt iswed karatterisiku tal-Galilija.

Il-letteratura rabbinika tiddeskrivi l-użu ta' żewġt ikmamar partikulari: il-kamra l-kbira, *traklin*, kienet tintuża għall-ikel u għal xi ċelebrazzjonijiet partikulari, imma anke għall-ħasil u għat-tisjir. Il-kamra l-oħra, il-*kiton*, kienet il-kamra għall-irqad fejn kulħadd kien jorqod flimkien (Lq 11:7). Fil-klima sħuna tal-Palestina l-bitħa jew btieħi u l-bjut ukoll kienu jintużaw spiss: għall-ikel, għall-bhejjem, biex inixxfu ż-żebbuġ, għall-ħaxix u l-frott u saħansitra għat-talb. Il-btieħi spiss kien ikollhom il-bir, bl-ilma għat-tisjir u l-ħasil. In-nuqqas ta' kmamar tal-banju jixhed għall-fatt li l-familji kienu jużaw vaż tal-fuħħar jew saħansitra barra biex ibattlu.

Interessanti, f'dan il-kuntest, huwa l-parir ta' Bin Sirak: "Il-ħwejjeġ ewlenija tal-ħajja huma l-ilma, il-ħobż u l-ilbies, u dar fejn tostor l-għera tiegħek. Aħjar il-ħajja ta' fqir fil-kenn taħt saqaf tal-injam, minn ikel bil-ħala għand il-barranin. Ħa jkun jogħġbok kemm il-ftit u kemm il-ħafna, u hekk ma tismax ċanfir, għax tkun ta' ħaddieħor. Jekk tgħix minn dar ħiereġ u f'oħra dieħel, tgħaddi ħajja ta' niket; u fejn tkun qiegħed ta' barrani lanqas ħalqek ma tkun tista' tiftaħ" (Sir 29:21-24).

*(Ikompli)*

## Referenzi

1 Din il-kitba nibtet frott impenn ta' tlett taħditiet fil-Parroċċa tal-Familja Mqaddsa fl-Iklin. Il-Kappillan talabni nitkellem fuq il-Familja Mqaddsa fl-Iskrittura. Dan fil-kuntest taż-żewġ Sinodi fuq il-Familja. L-ewwel Sinodu sar Ruma f'Ottubru tas-sena 2014. L-ieħor ser isir f'Ottubru li ġej, ta' din is-sena 2015.

2 Diskors ta' Pawlu VI, 5 ta' Jannar 1964.

3 D. W. Chapman, "Family,"in *The Eerdmans Dictionary of Early Judaism* (2010), 630–632; K. Galor, "Domestic Dwellings in Roman Palestine"' in *The Eerdmans Dictionary of Early Judaism* (2010), 547–550; D. Instone-Brewer, "Marriage and Divorce," in *The Eerdmans Dictionary of Early Judaism* (2010), 916–917; Bruno Liberani, Famiglia, vol.3 of *Schede Bibliche Pastorali* (EDB Bologna, 1983), 1265-1286; Peter Connolly, *Living in the Time of Jesus of Nazareth* (Steimatzky Ltd: Tel Aviv, 1983), 52-57; Eduard Lohse, *The New Testament Environment* (SCM Press Ltd: London, 1989), 146-150; C. Reeder, "Family," in *Dictionary of Jesus and the Gospels* (2013), 262–265; A. Sivertsev, "Family Religion," in *The Eerdmans Dictionary of Early Judaism* (2010), 633–634.



# 1 ĠW 4, 7-12 – ALLA HUWA MĦABBA (2)

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

Dan l-artiklu qed jistudja 1 Ġw 4, 7-12. Fl-ewwel parti, ippubblikat fil-ħarġa ta' qabel, ħarisna mill-qrib lejn l-ewwel żewġ versi ta' dan it-test, jiġifieri, il-versi 7 u 8. F'din it-tieni parti, issa se nkomplu nistudjaw il-versi li jmiss, jiġifieri, il-versi 9-12.

## L-Għotja tal-Iben mill-Missier

*"B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja, biex ngħixu bih"* (v.9).

Ninnutaw kif dan il-vers 9 jibda bl-idjoma "B'dan ..." [bil-Grieg: *en touto*].[1] Ħafna drabi l-użu frekwenti ta' din l-idjoma fl-Ewwel Ittra ta' San Ġwann insibuha fil-bidu ta' xi sentenza. Hawnhekk fil-v.9 hija qed tintuża biex permezz tagħha l-awtur ifissrilna kif dehret l-imħabba ta' Alla fina: "għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja, biex ngħixu fih." L-għoti tal-Iben ta' Alla, mela, juri l-imħabba ta' Alla filwaqt li jirrifletti l-għan li għalih l-Iben ta' Alla ġie fid-dinja. Dan l-għan hu mfisser mill-awtur stess meta jgħid: "biex ngħixu bih."[2]

B'dan il-mod, l-awtur ta' din l-Ittra jkompli jispjega dak li diġà kiteb fi 3,16: "B'dan naslu biex nagħrfu x'inhi l-imħabba: li Ġesù Kristu ta ħajtu għalina." Żewġ punti li l-awtur qed jagħmel hawnhekk huma: l-ewwel, li hija l-imħabba ta' Alla li tat bidu għall-pjan tiegħu ta' salvazzjoni; it-tieni, li għal dan il-għan, Alla "bagħat"[3] lil Ibnu fid-dinja.

L-awtur jurina wkoll li kien konxju tal-istatus uniku tal-Iben fir-relazzjoni tiegħu ma' Alla. Dan jidher l-aktar fl-użu tal-aġġettiv "waħdieni" [bil-Grieg: *ton monogene*] - "Ibnu l-waħdieni" (v.10) – li nsibuh użat hawn biss fl-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, għalkemm fil-kumplament tat-Testment il-Ġdid din il-kelma hija wżata disa' darbiet oħra. Hekk, San Luqa juża dan l-aġġettiv tliet darbiet: meta jiddeskrivi l-iben tal-armla ta' Najn, huwa jikteb li din "ma kellhiex ħliefu" (Lq 7,12); jużah ukoll sabiex jiddeskrivi lil bint Ġajru "li ma kellux ħliefha" (8,42); u darba oħra meta jitkellem fuq l-iben maħkum mix-xitan li missieru kellu "lilu biss" (9,38). Din l-istess kelma



tintuża wkoll fl-Ittra lil-Lhud meta ssejjaħ lil Iżakk "l-iben il-waħdieni" ta' Abraham (Lhud 11,17). F'dawn il-każi kolllha, dan l-aġġettiv huwa wżat sabiex iżid il-qawwa tan-narrativa billi jenfasizza s-sitwazzjoni prekarja tal-persuna li kienet l-unika wild tal-persuna fil-bżonn.

Fl-Evanġelju skont San Ġwann,[4] imbagħad, *monogenes* hija wżata erba' darbiet. F'kull każ, dan l-aġġettiv jintuża f'rabta mal-persuna ta' Ġesù bħala l-Iben il-Waħdieni ta' Alla. Hekk fil-Prologu naqraw fuq il-glorja tal-Verb: "il-glorja li għandu mill-Missier bħala *Ibnu l-waħdieni*" [bil-Grieg: *monogenous*] (Ġw 1,14). Fi tmiem il-Prologu, imbagħad, naqraw li "lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben *il-waħdieni ta' Alla*" [bil-Grieg: *monogenes Theos*] (1,18). F'3,16, Ġesù jgħid lil Nikodemu: "Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil *Ibnu l-waħdieni*" [bil-Grieg: *ton huion ton monogene*], filwaqt li żewġ versi wara, Ġesù jerġa' jtenni: "Iżda min ma jemminx huwa ġa kkundannat, għax ma emminx fl-isem tal-*Iben il-waħdieni ta' Alla*" [bil-Grieg: *monogenous huiou tou Theou*] (v.18).

Minn dawn ir-referenzi nistgħu nifhmu kif l-aġġettiv *monogenes* jenfasizza mhux il-fatt li l-Iben kien imnissel mill-Missier, daqskemm l-uniċità tiegħu bħala l-Iben il-waħdieni ta' Alla. Għalhekk fi Ġw 1,14.18 l-enfasi qiegħda fuq ir-rwol uniku ta' Ġesù bħala dak li fih dehret il-glorja ta' Alla, filwaqt li fi Ġw 3,16.18 l-enfasi qiegħda fuq l-għotja sagrifikali tal-Iben bħala dak li ġie mibgħut mill-Missier sabiex dawk kollha li jemmnu fih isalvaw.[5]

L-użu tal-aġġettiv *monogenes* f'1 Ġw 4,9 jenfasizza l-fatt li dak li l-Missier bagħat fid-dinja kien "Ibnu l-waħdieni." Alla għandu iben wieħed li bagħtu fid-dinja "*biex ngħixu bih*" (1 Ġw 4,9). L-użu tal-verb "ngħixu" [bil-Grieg: *zesomen*] f'dan il-vers, huwa l-uniku f'din l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, għalkemm f'partijiet oħra fl-istess Ittra l-awtur juża n-nom "ħajja" [bil-Grieg: *zoe*] jew "il-ħajja ta' dejjem" [bil-Grieg: *zoe aionios*] li hija identifikata jew li tinsab fi Kristu Ġesù.[6] Fir-Raba' Evanġelju, Ġesù jagħti din id-definizzjoni: "Din hi l-ħajja ta' dejjem, li jagħrfu lilek, Alla waħdek veru, u lil Ġesù Kristu, li int bgħatt" (Ġw 17,3). Il-ħajja, mela, tinvolvi li wieħed "jagħraf" u li "jkollu" lil Ġesù Kristu għaliex il-ħajja ta' dawk li jemmnu hija marbuta kollha kemm hi miegħu. Huwa għalhekk, mela, li l-awtur tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann jikteb li l-għan li għalih Alla bagħat lill-Ibnu l-waħdieni kien "biex ngħixu bih" (1 Ġw 4,9).

L-imħabba ta' Alla, mela, "dehret" [bil-Grieg: *ephanerothe*] (v.9) permezz ta' Alla li bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja. In-natura moħbija ta' Alla issa tista' tingħtaraf permezz tal-miġja tal-Iben il-Waħdieni ta' Alla fid-dinja li permezz tagħha huwa ma kienx sempliċiment qed juri xi attribut partikulari ta' Alla. Permezz ta' din il-miġja, l-Iben il-Waħdieni kien qed juri lil Alla kollu kemm hu bħala dak li jħobb. Għalhekk fil-v.9 inkomplu naqraw: "B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja, biex ngħixu bih."

## Tpattija għal Dnubietna

"*U hawn qiegħda l-imħabba; mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna*" (v.10).

Il-ħsieb tal-vers 9 jitkompla fil-vers 10 b'mod illi jekk il-vers 9 jitkellem fuq ir-rivelazzjoni tal-imħabba, il-vers 10 jafferma x'inhi l-imħabba. Dan isir l-ewwel b'mod negattiv "mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla", imbagħad b'mod pożittiv: "imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna."[7] L-awtur donnu li jqiegħed l-aspett negattiv fil-bidu tas-sentenza sabiex jagħti aktar enfasi lill-fatt li l-għejun ta' kull imħabba mhuwiex il-bniedem iżda Alla nnifsu.

Tajjeb hawn iżda nagħrfu dak li qed jipprova jgħid l-awtur meta fil-kostruzzjoni ta' din is-sentenza huwa juża n-negattiv. L-awtur mhuwiex qed jgħid li aħna ma ħabbejniex lil Alla. Bil-kuntrarju, huwa qed ifakkar li aħna ħabbejna lil Alla, iżda kull imħabba għandha l-oriġini tagħha f'Alla, u li għalhekk l-imħabba tagħna hija biss it-tweġiba għall-imħabba ta' Alla lejna.

B'dan il-kuntrast, mela, l-awtur jenfasizza waħda mill-veritajiet bibliċi: li l-inizjattiva divina hija ċentrali fil-pjan tas-salvazzjoni. Alla ħabbna daqshekk li wasal biex isalvana, u li l-imħabba tagħna lejh tista' tkun biss it-tweġiba għal din l-imħabba.

Fil-kumplament ta' dan il-vers, imbagħad, inkomplu naqraw kif l-imħabba ta' Alla kienet murija b'mod deċiżiv: "u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna." L-effett kombinat tal-versi 9 u 10 allura huwa li l-espressjoni "Alla hu mħabba" għandha tiftiehem mhux bħala xi stqarrija ontoloġika dwar il-persuna ta' Alla, iżda f'termini tal-imħabba ta' Alla murija storikament meta huwa bagħat lil Ibnu l-Waħdieni bħala tpattija għal dnubietna.

Interessanti l-użu tal-kelma "*tpattija* għal dnubietna" f'dan il-vers. Bil-Grieg il-kelma hija *hilasmos*, kelma li l-awtur ta' din l-Ittra diġà wżaha f'2,2 meta jikteb: "U hu jħallas għal dnubietna …"[8] Meta nqisu l-użu tal-kelma *hilasmos* fit-Testment il-Qadim,[9] bl-eċċezjoni ta' Amos 8,14 naraw kif din il-kelma tintuża f'kuntest ta' tneħħija/maħfra tal-ħtija minħabba d-dnub. F'numru ta' drabi oħra, din l-istess kelma hija marbuta mat-tneħħija tad-dnub permezz tas-sagrifiċċju.

Mhemmx dubbju għalhekk li meta l-awtur tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann juża t-terminu *hilasmos* huwa kien qed jenfasizza l-fatt li Alla bagħat lil Iben il-Waħdieni tiegħu bħala sagrifiċċju ta' tpattija. B'dan il-mod, l-Iben ta' Alla seta' jneħħi l-ħtija li aħna għandna minħabba dnubietna.[10] Mhux biss, imma huwa b'hekk ukoll li aħna nistgħu imbagħad niksbu l-ħajja ta' dejjem. Din hija l-akbar espressjoni tal-imħabba ta' Alla, u fuq din il-bażi l-awtur aktar kmieni f'din l-istess Ittra seta' jistqarr li: "Alla hu imħabba."

L-awtur, mela, huwa profondament impressjonat mill-azzjoni unika u suprema tal-imħabba ta'



Alla. Dan wasslu sabiex jagħraf li din ir-rivelazzjoni perfetta tal-imħabba teżisti biss bħala riżultat tal-azzjoni ta' Alla. L-imħabba ma tistax issir qawwa eżistenzjali effettiva fid-dinja permezz tal-bniedem, iżda biss permezz ta' Alla nnifsu.[11]

## L-Imħabba lejn xulxin

"*Għeżież, jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu lil xulxin*" (v.11).

It-terminoloġija tal-imħabba hija karatteristika kemm tal-Evanġelju skont San Ġwann, kif ukoll tal-Ittri ta' San Ġwann. Din it-terminoloġija fit-test Grieg hija espressa permezz ta' żewġ verbi: *agapao* u *phileo* li jintużaw mingħajr distinzjoni fl-Evanġelju skont San Ġwann. L-Ittri ta' San Ġwann jagħmlu użu biss mill-verb agapao li jintuża daqs wieħed u tletin darba; tmienja u għoxrin minnhom insibuhom fl-Ewwel Ittra ta' San Ġwann.[12]

Il-konċentrazzjoni tal-użu ta' dawn il-verbi, flimkien man-nom "imħabba" [bil-Grieg: *agape*] u "għeżież" [bil-Grieg: *ageptoi*] jiddistingwu l-letteratura ta' San Ġwann mill-kumplament tal-kotba l-oħra tat-Testment il-Ġdid. B'mod speċjali, l-Ewwel Ittra ta' San Ġwann tagħmel mill-imħabba kategorija teoloġika li toħroġ mill-azzjoni u mill-karattru ta' Alla. Minħabba f'hekk, f'din l-istess Ittra l-imħabba ssir kategorija etika li tqiegħed lil dawk li jemmnu taħt l-obbligu li jħobbu lil xulxin.

Dan narawh ċar f'1Ġw 4,11 li tidwi dak li diġà qrajna dwaru fil-v.7 - "għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla ..." Ninnutaw li kemm fil-v.7 kif ukoll fil-v.11 l-awtur jibda billi jindirizza lill-qarrejja bħala "għeżież" [bil-Grieg: *agapetoi*]. Din, fil-fatt, hija s-sitt u l-aħħar darba f'din l-Ittra li se tintuża din il-forma ta' indirizz.[13]

Fil-versi 7 sa 10 li għadna kemm rajna, l-awtur jibda bi stedina diretta lill-qarrejja sabiex iħobbu lil xulxin, filwaqt li jargumenta li l-imħabba ġejja minn Alla. Dan jixhdu l-fatt li Alla bagħat lill-Ibnu l-Waħdieni. B'dan il-mod, l-awtur jimplika li hemm erba' affarijiet marbutin ma' xulxin f'dan ir-rigward.

L-ewwel, il-karattru tal-imħabba hu definit mill-fatt li l-Missier bagħat lill-Ibnu l-Waħdieni sabiex isalva lid-dinja. It-tieni, l-imħabba għandha l-għejun tagħha f'Alla u għalhekk l-imħabba umana għandha bżonn tiġi definita mill-imħabba divina minħabba l-fatt li l-imħabba umana għandha l-potenzjal li tkun korrotta.[14] It-tielet, huwa proprju minħabba l-potenzjal li din l-imħabba umana tista' ssir korrotta, li jingħata l-kmandament tal-imħabba lejn xulxin. Dan il-kmand ifakkar lil kull min jemmen fl-obbligu li jħobb. Dan il-punt hu partikularment ċar fl-użu tal-verb Grieg kif insibuh ifformulat fil-v.11 - *opheilomen allelous agapan*: "għandna nħobbu lil xulxin." Ir-raba', il-kmandament tal-imħabba jfakkarna fl-imħabba divina għall-bnedmin kollha,[15] u dan hu rifless fil-kmand tal-imħabba stess. F'kelma oħra, l-obbligu li nħobbu lil xulxin huwa mibni fuq kundizzjoni: "jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu lil xulxin" (v.11).[16]

Mela, l-awtur tal-Ewwel Ittra ma jgħidx li t-tweġiba korretta għall-imħabba ta' Alla hija li aħna għandna nħobbu lilu: għalkemm dan hu mistenni minna, u wisq probabbli din hija wkoll xi ħaġa impliċità. L-awtur aktar jgħid li t-tweġiba immedjata għall-imħabba ta' Alla hija li aħna għandna nħobbu lil xulxin. Dan ifisser li l-awtur ta' din l-Ittra mhuwiex jagħti xi lezzjoni dwar l-imħabba ta' Alla fiha nnifisha. Pjuttost huwa aktar kien qed juri li l-imħabba ta' Alla għalina għandha tkun il-kawża li twassalna sabiex inħobbu lil xulxin.

## Lil Alla għadu ħadd ma rah

"*Lil Alla għadu ħadd ma rah, imma jekk inħobbu 'l xulxin hu jgħammar fina, u mħabbtu ssib il-milja tagħha fina*" (v.12).

L-obbligazzjoni li nħobbu lil xulxin li qrajna dwarha fil-v.11 hija l-bażi għal dan

il-vers 12. L-ewwel parti ta' dan il-vers 12 tfakkarna fl-għeluq tal-Prologu tal-Evanġelju skont San Ġwann: "Lil Alla għadu ħadd ma rah …" (Ġw 1,18), għalkemm fiż-żewġ siltiet il-verbi bil-Grieg għal "ra" huma differenti. Filwaqt li l-Ewwel Ittra tuża l-verb bil-Grieg *tetheatai*, Ġw 1,18 juża l-verb *heoraken*.[17] L-evidenza ma tissuġġerix ideat differenti ta' ħars, tant illi kull wieħed minn dawn iż-żewġ verbi għal 'ħars' huwa wżat kemm fir-Raba' Evanġelju kif ukoll fl-Ewwel Ittra ta' San Ġwann sabiex jesprimu t-tifsiriet possibbli ta' din l-azzjoni.[18]

Xi studjużi huma tal-fehma li l-awtur tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann deliberatament biddel dan il-verb minn *heoraken* għal *tetheatai*.[19] Fil-fatt il-verb *horao* huwa diġà wżat fil-bidu ta' din l-Ittra, proprju f'1,1-3, fejn l-awtur jinkludi lilu nnifsu fost dawk li raw il-Kelma tal-Ħajja.

L-idea tal-inviżibilità ta' Alla tagħmel parti mit-twemmin Lhudi kif inhu muri fit-Testment il-Qadim.[20] Hija idea familjari wkoll mar-Raba' Evanġelista li fin-narrativa tiegħu jinkludi n-negazzjoni ta' xi ħadd li qatt ra lil Alla bħala parti mill-polemika ta' Ġesù - jew aħjar tal-komunità wara dan l-Evanġelju - mal-'Lhud' jew aħjar ma' dawk li baqgħu ma jridux jemmnu li Ġesù hu l-Mibgħut tal-Missier.[21] Fil-każ tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, imbagħad, din iċ-ċaħda ta' xi ħadd li ra lil Alla ssir sabiex l-awtur jagħmilha ċara li l-uniku mod kif tara lil Alla huwa biss kemm-il darba nħobbu lil xulxin.

L-awtur ikompli jikteb li jekk inħobbu lil xulxin "hu jgħammar fina, u mħabbtu ssib il-milja tagħha fina" (v.12). Il-verb "jgħammar" hawn [bil-Grieg: *menein*] huwa wieħed mill-aktar verbi favuriti tar-Raba' Evanġelista. Dan il-verb jintuża sabiex jesprimi r-relazzjoni intima u ħajja bejn Alla l-Missier u l-Iben tiegħu fuq naħa, u dawk li jemmnu fih min-naħa oħra.[22] Fil-kuntest tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, il-kmand li nħobbu lil xulxin huwa prova li Alla jgħammar fina.



Fl-aħħar parti tal-vers 12, imbagħad, l-awtur iżid: "u mħabbtu ssib il-milja tagħha fina." Il-kelma "il-milja" hawn [bil-Grieg: *teteleiomene*] għandha konnotazzjoni ta' xi ħaġa sħiħa jew kompleta. Din hija t-tieni minn erba' referenzi wżati mill-awtur sabiex jitkellem dwar l-imħabba fit-totalità tagħha. L-ewwel, f'2,5 naqraw: "kull min iżomm il-kelma tiegħu, fih hemm tassew l-imħabba ta' Alla *fil-milja* tagħha"; it-tielet u r-raba' referenza insibuhom f'4,17.18 fejn l-imħabba ta' Alla "ssir *sħiħa* fina, meta aħna nqawwu qalbna għal Jum il-ħaqq … min jibża' għadu ma sabx *il-milja* tal-imħabba." F'4,12, imbagħad, l-imħabba ta' Alla ssir sħiħa f'dawk li jemmnu meta dawn iħobbu lil xulxin.[23]

## KONKLUŻJONI

F'dawn il-ftit versi meħudin mill-Ewwel Ittra ta' San Ġwann - 1 Ġw 4,7-12 - rajna konċentrazzjoni qawwija tat-tema tal-imħabba. Alla nnifsu hu definit bħala mħabba u li Alla nnifsu huwa l-għejun tal-imħabba. Kull min iħobb, iżid l-awtur, huwa mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla. Bil-kuntrarju, iżda, kull min ma jħobbx ma għarafx lil Alla. Din is-silta tkompli turina mbagħad kif dehret l-imħabba ta' Alla fostna, meta huwa bagħat lill-Ibnu l-Waħdieni fid-dinja bħala tpattija għal dnubietna. Fit-tmiem tagħha, is-silta tagħmel stedina sabiex inħobbu lil xulxin. B'dan il-mod, Alla li hu inviżibbli għall-għajnejn tal-bniedem, ikun jista' jgħammar fina u mħabbtu ssib il-milja tagħha fina.

## Referenzi

1 Fir-Raba' Evanġelju din l-idjoma nsibuha wżata ħames darbiet: Ġw 4,37; 9,30; 13,35; 15,8; 16,30. Minn dawn it-testi iżda jidher li huwa biss Ġw 13,35 li jipprovdi parallel għall-użu distint ta' din l-idjoma ripetuta għal għaxar darbiet fl-Ewwel Ittra ta' San Ġwann: 1 Ġw 2,3.5c; 3.10.16.19.24; 4,2.9.13; 5,2. Hemm imbagħad ħames eżempji oħra ta' din l-idjoma fl-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, iżda dawn l-eżempji jintużaw f'sens ta' xi ħaġa li qegħda f'xi ħaġa oħra. Ara 1 Ġw 2,4.5b; 4,10.17a.17b. Fl-għaxar mit-tnax-il referenza *en touto* hija segwita mill-verb bil-Grieg *ginoskein* li jfisser "tagħraf." F'dawn ir-referenzi l-awtur iqiegħed prova biex juri l-bażi tar-realtà ta' dak li l-qarrejja tiegħu kienu jafu. Sebgħa minn dawn ir-referenzi jużaw l-ewwel persuna fil-plural tal-verb li fil-forma grammatikali tiegħu jiġi ppreżentat fil-preżent (1 Ġw 2,3.5c.18; 3,24; 4,6.13; 5,2). Hemm imbagħad referenzi oħra simili ta' din l-idjoma fejn *en touto* hija segwita minn verb li jiġi ppreżentat f'forma grammatikali differenti: 3,16 il-verb huwa fil-perfett; 3,19 il-verb jintuża fil-futur; 4,2 il-verb jintuża għat-tieni persuna plural fil-preżent.

2 Dan il-kliem ifakkarna f'dak li naqraw fir-Raba' Evanġelju meta Ġesù jgħid lil Nikodemu: "Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-Waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3,16).

3 Il-verb "bagħat" - bil-Grieg: *apostellein* - insibuh użat fl-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, hawnhekk, jiġifieri, f'4,9, fil-v.10 u 14. Dawn it-tliet versi ta' din is-sezzjoni tal-Ewwel Ittra ta' San Ġwann u li jinkludu fihom l-użu tal-verb *apostellein* jixxiebhu fit-tifsira tagħhom: l-attività ta' Alla ppreżentata f'dawn il-kuntesti, u li biha l-imħabba hija murija, hija meqjusa bħala salvifika fl-għan tagħha: l-Iben ta' Alla ġie "mibgħut" fid-dinja (v.9) bħala "tpattija għal dnubietna" (v.10), u bħala "salvatur tad-dinja" (v.14).

4 Ir-Raba' Evanġelista jużа' l-kelma *monogenes* f'kuntrast mal-Evanġelisti Sinottiċi li donnhom aktar jippreferu l-kelma *agapetos* li tfisser "maħbub" u li tintuża f'Mk 1,11 par; Mt 12,18.

5 Fuq dan il-punt ara, Colin G. Kruse, *The Letters of John. The Pillar New Testament Commentary* (Leicester: William B. Eerdmans, 2000), 159.

6 Il-ħajja ta' dejjem tinsab fi Kristu Ġesù, l-Iben ta' Alla (1 Ġw 5,11). Huwa, fil-fatt, huwa l-ħajja ta' dejjem (5,20), u li l-ħajja ta' dejjem kienet mal-Missier sa mill-bidu nett (1,2). Dawk li jemmnu fl-Iben għandhom il-ħajja ta' dejjem (5,13). Dawk li jagħrfu lil Ġesù Kristu għandhom lill-Iben (u lill-Missier) (2,23), u dawk li għandhom lill-Iben għandhom il-ħajja ta' dejjem (5,12).

7 Ara wkoll v.14 "Aħna rajna, u nagħtu xhieda, li l-Missier bagħat lil Ibnu s-Salvatur tad-dinja."

8 Fit-Testment il-Ġdid il-kelma Griega *hilasmos* hija marbuta ma' numru ta' kliem li għandhom għeruq komuni. L-ebda waħda minn dawn il-kelmiet iżda mhija frekwenti fit-Testment il-Ġdid, kelmiet li huma marbutin ma' Alla li juri ħniena. Ara Lq 18,13 u Lhud 2,17 fejn tintuża l-kelma *hilaskesthai*; Rum 3,24-25 u Lhud 9,5 fejn tintuża l-kelma *hilasterion*; Mt 16,22 fejn tintuża l-kelma *hileos*.

9 Għall-użu tal-kelma *hilasmos* fis-LXX ara, Lev 25,9; Num 5,8; Salm 130,4; Eżek 44,27; Amos 8,14.

10 Stanislaw Lyonnet, *The Terminology of 'Expiation' in the NT*, in Stanislaus Lynnot and Léopold Sabourin, *Sin, Redemption and Sacrifice: A Biblical and Patristic Study* (Rome: Biblical Institute Press, 1970), 154 jikkummenta hekk: "Christ is called *hilasmos* in 1 Jn 4,10 in the same sense as in 2,2, namely, inasmuch as through Christ and in Christ (through his death, i.e., through his supreme act of love, which, together with his resurrection, constitutes one unique mystery of salvation) God the Father fulfills and executes the plan of his love. This he does by showing himself propitious, by forgiving sins (by removing and destroying them according to the OT notions of sin and expiation), by establishing his reign, instead of that of Satan, over mankind, by communicating his own life to men, so that they no longer are 'in the power of the evil one' but in the power of the true one, in his son Jesus Christ' who is 'the true God and eternal life' (1 Jn 5,19), no longer 'children of the devil' but 'children of God' (1 Jn 3,10)."

11 Fuq dan l-argument ara Rudolf Schnackenburg, *The Johannine Epistles*, trans. Reginald and Ilse Fuller (New York: Crossroad, 1992), 209.

12 Ara John Painter, *1,2 and 3 John*, Sacra Pagina no. 18 (Collegeville/MN, The Liturgical Press, 2002), 270.

13 Ara 1 Ġw 2,7; 3,2.21; 4,1.7.11. Ara wkoll 3 Ġw 1.2.5.11.

14 Ara 1 Ġw 2,15-17.

15 Ara 1 Ġw 4,19.

16 Għal aktar dettalji fuq il-kmandament tal-imħabba fl-Ewwel Ittra ta' San Ġwann, ara, Urban C. von Wahlde, *The Johannine Commandments, 1 John and the Struggle for the Johannine Tradition* (New York: Paulist Press, 1970).

17 Ir-Raba' Evanġelista, fi tliet siltiet li fihom jinnega li xi ħadd qatt ra lil Alla juża l-forma grammatikali tal-perfett tal-verb *horao*; ara Ġw 1,18; 5,37; 6,46.

18 Għal diskussjoni fuq l-użu ta' dawn il-verbi ara, C. Haas, M. de Jonge, J.L. Swellengrebel, *A Handbook on the Letters of John* (New York: United Bible Societies, 1972), 10.

19 Ara Colin G. Kruse, *The Letters of John. The Pillar New Testament Commentary* (Leicester: William B. Eerdmans, 2000), 162, n.182.

20 Ara Eżod 33,20.23; Dewt 4,12.

21 Fuq dan l-argument ara l-istudju ta' Wayne A. Meeks, "The Man from Heaven in Johannine Sectarianism," in *Journal of Biblical Literature* no. 91 (1972) 44-72.

22 Ara Ġw 15,1-10.

23 Kompli aqra fuq l-implikazzjoni etiċi ta' dan il-kliem, fi, Umberto Neri, *Perché la nostra gioia sia perfetta: Catechesi biblica sulla Prima Lettera di Giovanni* (Reggio Emilia: Edizione San Lorenzo, 2010), 137.



# MONASTERI FID-DEŻERT TAL-LHUDIJA: IL-MONASTERU TA' SAN KARITONE

*Noel Muscat ofm*

Fl-Art Imqaddsa nsibu diversi widien li jiġbru l-ilma tax-xita li tinżel fuq l-għoljiet tal-Lhudija u tas-Samrija u jinżlu lejn il-wied tax-Xmara Ġordan u lejn il-Baħar il-Mejjet. Dawn il-widien fid-deżert għandhom ġmiel naturali uniku, għax donnhom imħaffrin fil-blat samm, b'ħafna għerien fil-ġnub imxabbtin tagħhom, u b'nixxigħat ta' ilma ġieri u veġetazzjoni li


*Nahal Prat jew Wadi Farah*

joħolqu oasi f'nofs deżert. Fl-istorja biblika dawn il-widien għandhom imbagħad importanza partikulari minħabba li jissemmew bosta minnhom fl-Iskrittura. Kien ukoll f'dawn il-widien li twieldu l-ewwel komunitajiet monastiċi fis-sekli bikrin tal-era Kristjana fil-Palestina.

Wieħed minn dawn il-widien, li għandu importanza partikulari, hu n-*Nahal Prat*. Bil-Lhudi l-kelma *Nahal* tfisser "wied ta' nixxiegħa". Bl-Għarbi l-isem tal-wied hu *Wadi Kelt* jew *Qelt*. Il-kelma *Wadi* bl-Għarbi għandha l-istess tifsira tal-kelma Maltija "wied", għax fil-Palestina l-widien isiru xmajjar ta' ilma fl-istaġun tax-xita u jkunu nexfin fil-kumplament tas-sena. Uħud minn dawn il-widien, iżda, jibqgħu jnixxu l-ilma ġieri s-sena kollha.

*Nahal Prat* jew *Wadi Kelt* hu wied li jibda fuq ix-xaqliba tat-tramuntana tad-deżert tal-Lhudija, mhux bogħod minn Ġerusalemm, u jispiċċa f'Ġeriko maġenb il-wied tax-xmara Ġordan qrib il-Baħar il-Mejjet. Hu wied li hu twil 28 kilometri, imma f'din id-distanza mhux tant kbira jinżel minn 770 metru fuq il-livell tal-baħar għal 395 metru taħt il-livell tal-baħar, jiġifieri b'diżlivell ta' 1165 metru.

Fit-traġitt tiegħu dan il-wied għandu diversi ismijiet: *Nahal Prat* jew *Wadi Farah* fix-xaqliba tal-għoljiet fejn jibda, *Wadi Kelt* fil-parti ċentrali u fl-imbokkatura li tniżżlu f'Ġeriko. Matul dan it-traġitt hemm tliet nixxigħat importanti u dejjiema, *En Prat* (*En* bil-Lhudi u *Ain* bl-Għarbi jindikaw il-kelma Maltija "għajn ta' ilma"), *En Mabu'a* jew *Ain Fawar*, u *En Qelt* jew *Ain Kelt* qrib monasteru famuż tad-deżert.

## Wadi Farah

Biex wieħed illum jasal fil-parti superjuri ta' *Nahal Prat* irid jgħaddi mit-triq prinċipali li minn Ġerusalemm tinżel lejn Ġeriko (Road 1). Malli jasal taħt l-insedjament kbir ta' Ma'ale Adummim idur fit-triq (Road 437) li titla' lejn Ramallah. Wara ftit kilometri jsib ruħu maġenb l-insedjament Ebrajk ta' Almon, qrib Anata, li jfakkarna f'isem bibliku, Anatot, ir-raħal li minnu kien ġej il-Profeta Ġeremija. Il-Ktieb ta' Ġeremija jiftaħ bil-kelmiet: "Il-kliem ta' Ġeremija, bin Ħilikija, mill-qassisin li kienu f'Għanatot, fl-art ta' Benjamin" (Ġer 1,1). Almon hu insedjament żgħir li jinsab eżattament fuq *Nahal Prat* u hu post li jissemma fil-Ktieb ta' Ġożwè 21,18).

Ħdejn l-insedjament ta' Almon hemm fdalijiet ta' raħal Lhudi ta' Żmien il-

Ħadid, fl-epoka tas-Saltna ta' David, kif ukoll dawk tal-qabar Għarbi medjevali tas-seklu 13 li fih hemm midfun Sheikh Ibn Taymiyya. Minn Almon it-triq tibda nieżla sserrep mal-ġenb tal-*Wadi Farah*.

Fil-Bibbja l-Wadi Farah jissemma fil-Ktieb ta' Ġeremija 13,1-9, fl-episodju tal-ħżiem li l-Profeta jmur jaħbi "ħdejn ix-xmara Ewfrat". Bl-Ebrajk jintuża l-isem *Perat* (*Prat*) kif inhu magħruf illum in-*Nahal Prat*. Mela l-awtur bibliku mhux qed jalludi għax-xmara Ewfrat fil-Mesopotamja, eluf ta' kilometri bogħod mill-Art Imqaddsa, imma għal *Wadi Farah* (*Perat*) ħdejn Anatot, ir-raħal li minnu kien ġej il-Profeta Ġeremija:

"Dan qalli l-Mulej: 'Mur u ixtri ħżiem tal-għażel għal qaddek, u dawru ma' ġenbejk bla ma xxarbu bl-ilma.' U jien mort nixtri l-ħżiem bħalma qalli l-Mulej, u dawwartu ma' ġenbejja. Għat-tieni darba kellimni l-Mulej u qalli: 'Aqbad il-ħżiem li xtrajt, li hemm ma' ġenbejk; qum u mur ħdejn ix-xmara Ewfrat, u aħbih hemm f'xaqq ta' blata.' U jien mort ħbejtu ħdejn l-Ewfrat, kif qalli l-Mulej. Wara ħafna żmien il-Mulej reġa' kellimni u qalli: 'Qum, mur ħdejn l-Ewfrat, u ħu minn hemm il-ħżiem li jien ikkmandajtlek taħbi hemm.' U mort ħdejn l-Ewfrat, ħaffirt, u ġbart il-ħżiem minn fejn kont ħbejtu. U l-ħżiem sibtu mherri u ma jiswa għalxejn. U l-Mulej reġa' kellimni u qalli, 'Dan jgħid il-Mulej: Hekk inxejjen il-kburija ta' Ġuda u l-kburija bla qies ta' Ġerusalemm.'"

Dan il-wied karatteristiku tad-deżert tal-Lhudija minn dejjem kien post ta' rifuġju li fih insibu insedjamenti, monasteri u fortifikazzjonijiet li huma kollha xhieda li dan il-wied għammiel f'nofs id-deżert kien abitat. Għad hemm fdalijiet ta' mitħna tad-dqiq li taħdem bl-ilma ħdejn il-monasteru ta' Wadi Farah, li hu l-aktar binja importanti li fadal f'dan il-wied li llum hu *Natural Reserve* tal-iStat ta' Israel, u żona popolari ħafna għall-familji li joħorġu


*Il-Laura ta' San Karitone*


Il-Qabar ta' San Karitone

jgawdu l-frisk tal-ilmijiet li jnixxu fil-wied. L-għerien u l-fdalijiet ta' fortizzi kienu postijiet ideali biex fihom isibu kenn l-eremiti u l-monaċi tal-ewwel sekli tal-era Kristjana, fosthom l-aktar wieħed famuż li ta bidu għall-ħajja monastika fil-Palestina, San Karitone.

## Il-monasteru ta' San Karitone

Fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar tan-nixxiegħa ta' Wadi Farah jinsab il-monasteru Ortodoss (illum f'idejn monaċi Russi Ortodossi) ta' San Karitone, mibni fuq il-fdalijiet ta' monasteru antik tas-seklu 4. Il-monasteru ta' San Karitone (bl-Għarbi *Dejr Farah*) skont it-tradizzjoni ġie mibni minn eremita u raħeb jismu Karitone (Haritoun), li kien il-pijunier tal-ħajja monastika Kristjana fid-deżert tal-Lhudija.

Karitone twieled f'Ikonju tal-Likaonja (Asja Minuri) fis-seklu 3. Ġie maqbud u mitfuħ il-ħabs minħabba l-fidi tiegħu, imma fis-sena 275 irnexxielu jaħrab u mar bħala pellegrin fil-Palestina biex iżur Ġerusalemm. Imma meta wasal waqa' f'idejn il-ħallelin li rabtuh u ħaduh fil-Wadi Farah u ħallewh ġo għar li fih kellhom xi proviżjonijiet. Sakemm il-ħallelin ħarġu u Karitone baqa' waħdu hu ra lifgħa sewda tad-deżert li daħlet fil-ġarra tal-inbid li kienu ħallew il-briganti biex tixrob minnha. Meta l-ħallelin ġew lura marru mill-ewwel biex jixorbu l-inbid. Karitone ipprova jagħmillhom sinjali (għax rabtulu ħalqu) biex ma jixorbux, imma dawk ma tawx kasu, u b'hekk spiċċaw ivvelenati u mietu fil-post. Karitone għalhekk iddeċieda li jibda jgħix ħajja eremitika f'dan il-post imwarrab. Malajr ingħaqdu miegħu xi dixxipli

u hekk twieled l-ewwel monasteru tad-deżert (*Laura*) fil-Palestina, il-*Laura* ta’ Wadi Farah. Hemmhekk Karitone bena knisja fejn l-irħieb kienu jiltaqgħu biex jiċċelebraw il-liturġija nhar ta’ Ħadd, filwaqt li fil-kumplament tal-ġimgħa kienu jgħixu maqtugħin għalihom bħala eremiti fid-diversi għerien imħaffrin fl-irdum samm tal-blat li jogħla fuq il-Wied. In-nixxiegħa abbundanti tal-ilma kienet tipprovdi għajxien għall-monaċi li kienu jaħdmu l-art u jkabbru l-ħxejjex li kienu l-uniku ikel li jrejjaqhom.

Billi l-fama tal-qdusija ta’ Karitone malajr xterdet u bdew ġejjin bosta nies biex jarawh, hu ddeċieda li jwarrab minn Wadi Farah u mar jirtira fid-deżert ta’ Ġeriko, fejn waqqaf il-*Laura* ta’ Douka, fuq il-muntanja tat-Tentazzjonijiet ta’ Ġesù, jew Kwarantena, fil-għoli fuq Ġeriko, fejn kien hemm il-fortizza Asmonea ta’ Doq, li Karitone bidilha f’monasteru mħaffer fil-blat.[1] Imma billi anke hemmhekk malajr ingħaqdu miegħu diversi eremiti u bosta nies kienu jiġu jżuru l-*Laura*, Karitone iddeċieda li jerġa’ jfittex kenn f’post imwarrab ieħor, u mar jgħix f’wied fid-deżert lejn ix-xlokk ta’ Betleħem, u hemm waqqaf il-*Laura* l-Antika ta’ Souka, f’Wadi Khreitoun, bejn Teqoa u l-Herodium[2]. Karitone miet f’dan il-monasteru fis-sena 350 f’età avvanzata, u wara li għex ħajja ta’ penitenza kbira u sawm. Hu midfun fil-*Laura* ta’ Wadi Farah u l-festa tiegħu tiġi ċelebrata fit-28 ta’ Settembru.

Il-monasteru ta’ Wadi Farah ġralu bħal diversi monasteri oħrajn tad-deżert, li ġew meqrudin fis-sena 614 waqt l-invażjoni tal-Persjani.

Fis-seklu 12 il-pellegrin Russu l-Abbati Daniel żar l-Art Imqaddsa u mar Wadi Farah. Hu kiteb: “Hemm monasteru qrib ix-xmara Efam, ħdejn il-baħar ta’ Sodom, fil-blat tal-muntanja. Dan hu deżert kbir u tal-biża’ u niexef qoxqox… taħt il-monasteru hemm labirint ta’ blat, kbir u jbeżżgħek.” Dan il-monasteru ta’ San Karitone, li kien abbandunat, hu kiteb li kien “qisu belt li ddawwar muntanji ta’ blat.” Il-post baqa’ abbandunat għal sekli sħaħ sakemm il-monasteru reġa’ ġie restawrat u mibni mill-ġdid mill-Arċimandrita Leonid Kavelin, kap tar-*Russian Ecclesiastical Mission*. Fl-1865 mar ma’ grupp ta’ monaċi Russi Ortodossi li niżlu bil-mixi fil-Wadi Farah. Sabu n-nixxiegħa li tibqa’ nieżla lejn il-Baħar il-Mejjet, kif ukoll l-għar li fih kien inżamm San Karitone. Qabel l-ewwel

*L-Għar ta’ San Karitone*



gwerra dinjija l-Abbati Panteleimon, li mexxa delegazzjoni ta' monaċi Russi Ortodossi mill-Monte Athos, xtara din l-proprjetà flimkien mal-għar ta' San Karitone, u hemm bdiet tgħix komunità monastika ta' Russi Ortodossi. Il-post għadu proprjetà tal-Knisja Russa Ortodossa sal-lum.

Sfortunatament il-knisja li kienu bnew inqerdet matul il-gwerra. Wieħed mill-monaċi, Gerasim, reġa' beda jibni dan il-monasteru (bir-Russu *Skete*). Il-monasteru sfortunatament ġie abbandunat kemm-il darba, speċjalment matul perjodi ta' gwerra. Mill-1970 żewġ monaċi Russi ġew joqogħdu fil-monasteru, imma fi żminijiet reċenti diversi turisti u Israeljani skoprew is-sbuħija naturali tal-Wadi Farah u ż-żona saret issa *Natural Reserve*, li jżuruha eluf ta' viżitaturi, ukoll biex jinżlu jgħumu fid-diversi menqgħat li tagħmel il-nixxiegħa u jiskopru l-għerien tad-deżert tal-Lhudija. Għalkemm dan l-influss tan-nies ġab ħajja ġdida lill-monasteru, mhux l-ewwel darba li saru atti ta' vandaliżmu fuq il-proprjetà, u nqerdu ikoni u kotba. Ir-Russian Ecclesiastical Mission għadha tirrestawra dan il-ġawhra ta' monasteru tad-deżert li hu l-ewwel eżempju ta' *Laura* fl-Art Imqaddsa.

Żjara lill-monasteru hi possibbli jekk wieħed jagħmel appuntament mal-monaku Russu li jgħix waħdu f'dan il-post solitarju. Tinżel għalih wara li tħallas il-biljett biex tidħol fin-*Natural Reserve* ta' *En Prat*. Tara mill-ewwel il-*Pumping Station* tal-ilma li l-Ingliżi kienu bnew fi żmien il-Mandat Britanniku biex iġibu l-ilma Ġerusalemm. Ma kinux l-ewwel li għamlu hekk, għax mal-ġenb tal-wied għadu jidher l-akwedott tal-ilma li x'aktarx imur lura għal żmien l-Asmonej, u li bih kien jinġieb l-ilma abbundanti lejn Ġerusalemm.

Il-monaku joħroġ jilqgħek fid-daħla tal-monasteru, li hu reċintat għall-protezzjoni. L-ewwel ma tara huma l-fdalijiet ta' abside ta' kappella antika mġarrfa. Ftit aktar 'il fuq hemm kappella li fiha hemm qabar taħt altar, li fuqu hemm ikona ta' San Karitone. Hawnhekk hu meqjum il-qabar ta' San Karitone.

Il-monasteru jew *Laura* jidher fuqek fil-għoli, kumpless ta' għerien u bini ħiereġ mill-blat qisu mdendel fuq il-wied. Fost id-diversi ċelel tidher il-knisja ċkejkna ta' San Nikola, li ġiet restawrata u li hi l-aktar post ta' kult aċċessibbli għad-diversi pellegrini Russi li normalment jiġu jqimu dan il-post.

Il-parti oriġinali tal-*Laura* tinsab aktar fil-għoli, u trid tasal għaliha billi titla' sellum tal-ħadid. Issib ruħek fuq gallarija naturali fuq il-blat tar-rdum li jagħti fuq il-wied. Hemmhekk tibda tiela' ftit turġien li jwassluk lejn l-għar l-aktar qaddis tal-*Laura*, jiġifieri l-għar knisja ta' San Karitone. Għar naturali li jfakkar il-post fejn Karitone inżamm mill-briganti u fejn imbagħad għex maqtugħ mid-dinja. L-għar maż-żmien tkabbar b'mod artifiċjali biex illum hu knisja trogloditika mdaqqsa. Knisja tipika Ortodossa, bl-ikona ta' San Karitone fiċ-ċentru u b'ħafna ikoni oħrajn, fosthom ikona venerata tal-Verġni Marija, flimkien ma' diversi relikwi.

Minn dak il-għoli tħares lejn il-wied u rasek tħossha ddur bik. Tintebaħ li hu post li jfakkrek fil-ġenna tal-art, post mimli veġetazzjoni u ilma f'nofs in-nixfa tal-blat samm tad-Deżert tal-Lhudija.

## Referenzi


1 Ariel Lewin, *The Archaeology of Ancient Judea and Palestine*, Getty Publications 2005, 188; Jerome Murphy O'Connor, *The Holy Land: An Oxford Archaeological Guide from Earliest Times to 1700*, Oxford Universiy Press 2008, 411-412)

2 Denys Pringle, *The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem. A Corpus*, Vol. 2, Cambridge University Press 1998, 221-222

Ġedded l-Abbonament tiegħek

# L-Art Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA




## ABBONAMENT:

€10 fis-sena

€15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

## Tiġdid
## L-Art Imqaddsa
## 2015

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali

____________________

Qed nibgħat € ____
bħal abbonament għall-2015

# Pellegrinaġġi Franġiskani 2015

## Art Imqaddsa

20 - 28 Mejju
15 - 23 Lulju
05 - 13 Awwissu
09 - 17 Settembru

## Art Imqaddsa u Ġordanja

28 April - 8 Mejju

## Art Imqaddsa *Extra*

04 - 14 Novembru

## Polonja

04 - 08 Lulju
22 - 26 Awwissu

## Assisi

31 Awwissu - 6 Settembru

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt